**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/070 |
| **Allegazzjoni:** | Nuqqas ta' attendenza għax-xogħol bħala għalliem mal-gvern |
| **Ilmentatur:** | Is-Sur Neville Gafà |
| **Data tal-Ilment:** | 13 ta' Novembru 2024 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 21 t'Awwissu 2025 |

**L-Ilment**

1. Fit-13 ta' Novembru 2024, is-Sur Neville Gafa (l-Ilmentatur) kiteb lil dan l-Uffiċċju sabiex jitlob li jiġi investigat l-aġir tal-Onorevoli Justin Schembri, talli allegatament mhux jidħol għax-xogħol tiegħu bħala għalliem impjegat mal-gvern.

2. L-Ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A**.

**Il-Kuntest**

3. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti ħareġ żewġ rapporti dwar deputati parlamentari li jaħdmu mal-gvern jew fis-settur pubbliku.

4. L-ewwel rapport kien dak dwar il-każ K/002 – kwindi wieħed mill-ewwel ilmenti li sar taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta). F'dak il-każ il-Kummissarju preċedenti kkonkluda li "*l-prattika li deputati backbenchers jinħatru f'karigi fis-settur pubbliku, jew jiġu ingaġġati*

*biex jipprovdu servizz kuntrattwali lis-settur pubbliku, hija fundamentalment ħażina".*[1]

5. L-esponent jagħmel tiegħu il-konklużjonijiet u suġġerimenti kontenuti fir-rapport tal-predeċessur tiegħu dwar il-każ K/002 għaliex anke fil-fehma tiegħu din il-prattika timmina l-prinċipji li l-Kostituzzjoni hija mibnija fuqhom. Anke l-Kummissjoni Venezja ikkummentat illi:

> *the percentage of MPs who also have government positions or work in government appointed commissions is disproportionately higher. This is an issue of separation of powers. In a larger parliament, not only opposition, but also backbenchers from the governing party, act as a check to the powers of the Government and the Prime Minister. A smaller Parliament needs even more guarantees to be able to fulfil its role of controlling the executive.*[2]

6. It-tieni rapport maħruġ mill-Kummissarju preċedenti huwa dak dwar il-każ K/021. F'dan il-każ il-Kummissarju preċedenti investiga l-attendenza fuq il-post tax-xogħol min-naħa ta' deputati parlamentari tal-Oppożizzjoni li kienu impjegati mal-gvern jew fis-settur pubbliku. Id-deputati in kwistjoni kienu l-Onor. David Agius, Ivan Bartolo, Toni Bezzina, Ryan Callus, Robert Cutajar, Kristy Debono, Mario Galea, Clyde Puli u Hermann Schiavone.

7. F'dan ir-rapport il-Kummissarju preċedenti tenna l-fehma tiegħu li servizz mal-gvern jew fis-settur pubbliku mhux kompatibbli mal-irwol ta' deputat parlamentari, iżda qal:

> *I am not proposing that all public employees, whatever their level, should be disqualified from Parliament. There is an important difference between MPs who, once elected, are given jobs on a discretionary basis by the government*

---

[1] Rapport dwar il-każ K/002, paragrafu 79. Dan ir-rapport ġie maħruġ fil-5 ta' Lulju 2019 u huwa aċċessibbli minn: https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K002-MT.pdf

[2] Kummissjoni Venezja, *Malta: Opinion on Constitutional Arrangements and Separation of Powers and the Independence of the Judiciary and Law Enforcement*, paġna 18. Dan ir-rapport ġie maħruġ fis-17 ta' Diċembru 2018 u huwa aċċessibbli minn https://www.venice.coe.int/webforms/documents/?pdf=CDL-AD(2018)028-e.

*(the subject of my report of 5 July 2019) and those who enter public sector employment before they are elected to Parliament and independently of it.*[3]

8. Il-Kummissarju sab li, bis-saħħa tal-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku (il-kapitolu 472 tal-liġijiet ta' Malta), deputati parlamentari li huma impjegati tal-gvern għandhom id-dritt li jiġu rilaxxati mix-xogħol biex jaqdu dmirijiethom fil-Parlament. It-taqsima 3.3 tal-*Manual on Special Leaves* tal-gvern[4] jispeċifika li dawn id-dmirijiet jinkludu laqgħat ta' kumitati tal-Kamra u safar bħala parti minn delegazzjonijiet parlamentari, iżda mhux attivitajiet tal-kostitwenza. Il-*Manual on Special Leaves* jestendi d-dritt ta' rilaxx mix-xogħol lid-deputati li huma impjegati mhux direttament mal-gvern iżda ma' entitajiet fis-settur pubbliku.

9. Sabiex jara kif kienu qegħdin jitħaddmu dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissarju bagħat kwestjonarju lid-dipartimenti tal-gvern u l-entitajiet pubbliċi li kienu jimpjegaw id-deputati in kwistjoni. Bħala konklużjoni ġenerali, il-Kummissarju sab li:

> *the practice of release for MPs is open to abuse* [...] *some MPs seem to display a total lack of understanding of what constitutes their role in Parliament and the difference between this and activities, such as attending funerals, that represent a duty to voters' families or constituency work or for instance attending programmes on the media.*[5]

10. F'dak il-każ ukoll, il-Kummissarju preċedenti kien ikkunsidra s-sitwazzjoni ta' deputati parlamentari fuq in-naħa tal-Oppożizzjoni li jaħdmu fis-settur pubbliku u li mbagħad jinħatru bħala Shadow Ministers responsabbli għall-iskrutinju tal-istess qasam li jaħdmu fih. Il-Kummissarju qal:

> *While this could be seen as a means of utilising the MP's specialised knowledge or access to information in his or her parliamentary role, it might oblige the MP to criticise his or her employer in Parliament. This would amount to a direct clash between the role of MP and his or her*

---

[3] Rapport dwar il-każ K/021, paragrafu 77. Dan ir-rapport ġie maħruġ fit-2 ta' Novembru 2020 u huwa aċċessibbli minn: https://standardscommissioner.mt/wpcontent/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K021.pdf.

[4] Aċċessibbli minn https://publicservice.gov.mt/en/public-service-management-code-page.

[5] Ara d-Dokument F3 anness mar-rapport dwar il-każ K/021.

*obligations as an employee. In addition, the MP would have an incentive to use for political purposes information obtained through his or her job, even if that information is not in the public domain. This constitutes a conflict of interests.*[6]

11. Il-Kummissarju kien sab illi ċerti deputati stess kienu talbu li jiġu assenjati xogħol f'qasam ieħor fis-settur pubbliku, jew li ma jinħatrux bħala kelliema tal-oppożizzjoni dwar is-settur fejn kienu jaħdmu.[7] Dan jindika li dawn id-deputati xtaqu li jevitaw il-kunflitt ta' interess li rrefera għalih il-Kummissarju.

12. Il-Kummissarju sab ukoll li hemm attivitajiet oħra li jirrappreżentaw "*grey area*", jiġifieri mhux ċar jekk għandhomx jitqiesu attivitajiet parlamentari għall-finijiet tal-*Manual on Special Leaves*, jew inkella attivitajiet tal-partit. Il-Kummissarju rrefera b'mod speċifiku għal-laqgħat tal-grupp parlamentari (id-deputati parlamentari kollha tal-istess partit) u x-xogħol ta' party whip u viċi kap tal-partit għall-affarijiet parlamentari. Dawn il-karigi jistgħu jimtlew biss minn deputati parlamentari, u huma impenjattivi għaliex jinvolvu fost affarijiet oħra l-koordinazzjoni tax-xogħol parlamentari man-naħa tal-gvern.[8]

13. Il-Kummissarju rrakkomanda fost affarijiet oħra li:

(a) għandu jiġi ċċarat liema huma dawk l-attivitajiet li deputat parlamentari li huwa impjegat pubbliku jista' jattendihom waqt il-ħin tax-xogħol; u

(b) għandhom jiġu introdotti mekkaniżmi sabiex id-dipartimenti u l-entitajiet pubbliċi li jħaddmu d-deputati in kwistjoni jkunu jistgħu jiżguraw li l-faċilità ta' rilaxx mix-xogħol mhix qed tiġi abbużata.

14. Barra minn hekk, dan l-Uffiċċju nnota "*grey area*" ieħor fir-rapport dwar il-każ K/071 fir-rigward ta' deputat fuq in-naħa tal-oppożizzjoni li jassenti ruħu mix-xogħol sabiex jattendi laqgħat ma' għaqdiet u individwi in konnessjoni mal-irwol tiegħu bħala Shadow Minister. Kif diġà ntqal f'dak ir-rapport, wieħed għandu jikkunsidra jekk dawn il-laqgħat għandhomx jitqiesu bħala xogħol parlamentari, li għalihom deputati jistgħu jassentu ruħhom mix-xogħol, jew xogħol politiku, li mhuwiex kopert minn din il-faċilità.[9]

---

[6] Ara r-rapport dwar il-każ K/021, paragrafu 64.

[7] Ara r-rapport dwar il-każ K/021, paragrafu 65.

[8] Ara r-rapport dwar il-każ K/021, paragrafi 49–50.

[9] Ara r-rapport dwar il-każ K/071, paragrafu 48.

**Indaġni Preliminari**

15. Flimkien mal-email tiegħu, l-Ilmentatur annetta kopja ta' paġna waħda ta' timesheet għall-ġimgħa tas-7 t'Ottubru 2024. It-timesheet preżentata ma fiha l-ebda indikazzjoni ta' jekk tappartjeni għal xi dipartiment fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, jew xi skola jew post tax-xogħol ieħor. Fil-kolonna bl-ismijiet ta' impjegati, tidher ringiela li tibda bil-kliem "Schembri Justin, Teacher". Il-kumplament tar-ringiela ma fiha l-ebda firem, ċioé il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ mhumiex indikati b'firma jew marka oħra.

16. Fin-nuqqas ta' informazzjoni oħra, fil-15 ta' Novembru 2024, dan l-Uffiċċju rrefera l-ilment u t-timesheet in kwistjoni lill-Onor. Schembri għall-veduti tiegħu b'mod ġenerali u talbu jgħid jekk hux minnu li ma jidħolx għax-xogħol, u jekk għandux approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'dan ir-rigward.

17. Fl-10 ta' Diċembru 2024, wieġeb l-Onor. Schembri permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument B**), fejn qal illi l-informazzjoni li ngħatat mill-Ilmentatur kienet skorretta, u annetta kopja ta' timesheet oħra għall-istess ġimgħa iffirmata minnu u minn impjegati oħrajn skont il-post tax-xogħol fejn jaħdem issa. Peress illi t-timesheet preżentata minnu turi l-ismijiet, firem u dettalji oħra ta' terzi, għal raġunijiet ta' privatezza dan id-dokument mhuwiex qed jiġi anness ma' dan ir-rapport.

18. Dan l-Uffiċċju kkonferma mid-direttorju tal-email tal-ħaddiema tal-gvern li ma kien hemm l-ebda għalliem ieħor jismu Justin Schembri u għalhekk, dak l-isem fuq iż-żewġ timesheets preżentati seta' kien biss tal-Onor. Justin Schembri.

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

19. Għalhekk, in vista tal-provi konfliġġenti preżentati, fit-12 ta' Diċembru 2024 dan l-Uffiċċju fetaħ investigazzjoni formali u kiteb lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u talab:

(a) konferma ta' fejn hu l-post tax-xogħol tal-Onor. Schembri;

(b) jekk huwiex assenjat xogħol ta' għalliem jew xogħol ieħor;

(c) liem hu t-timesheet li suppost qed jiġi ffirmat mill-Onor. Schembri u għal liema uffiċċji jappartjenu ż-żewġ timesheets differenti;

(d) għalfejn isem l-Onor. Schembri jidher fuq żewġ dokumenti differenti;

(e) jekk hemmx arranġament formali jew informali fir-rigard tas-sigħat ta' ħidma tal-Onor. Schembri jew l-attendenza tiegħu, dan in vista tal-impenji rilatati max-xogħol parlamentari jew politiku tiegħu; u

(f) jekk kienx hemm rapporti ta' nuqqasijiet min-naħa tal-Onor. Schembri fir-rigward tal-attendenza tiegħu.

*Provi preżentati mis-Segretarju Permanenti*

20. Fis-16 ta' Jannar, is-Sur Matthew Vella, Segretarju Permanenti, rrisponda permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument Ċ**). Flimkien ma' din l-ittra s-Sur Vella ppreżenta ukoll lista ta' dokumentazzjoni:

- Ċirkolari numru DGPM/07/2024 li ntbagħtet lill-għalliema kollha li jaħdmu mal-gvern (annessa bħala **Dokument Ċ1**);

- Email lid-Direttur tas-Servizzi Edukattivi fil-Ministeru għall-Edukazzjoni mingħand il-kap tal-iskola fejn jaħdem l-Onor. Schembri (annessa bħala **Dokument Ċ2**) flimkien ma' liema pprovdiet it-timesheets kollha ffirmati minnu sal-20 ta' Diċembru 2024, kif ukoll sensiela ta' emails li bagħat lill-assistenta kap tal-iskola bħala notifika tal-assenzi tiegħu mix-xogħol;

- Kopja ta' minuti ta' laqgħa dwar l-iffirmar tat-timesheets fejn kienu preżenti l-Onor. Schembri u membri tal-istaff oħrajn, mibgħuta mill-kap tal-iskola fejn jaħdem (annessa bħala **Dokument Ċ3**);

- Email datata l-20 ta' Diċembru mingħand l-Onor. Schembri lill-assistenta kap tal-iskola b'risposta għal talba mingħandha biex jimla formola għal special leave, fejn irrefera għall-Manwal dwar Leave Speċjali li qal li jirregolah bħala deputat parlamentari li jservi ta' Shadow Minister for Education (annessa bħala **Dokument Ċ4**).

21. Fir-risposta tiegħu s-Sur Vella kkonferma il-post tax-xogħol tal-Onor. Schembri, kif ukoll li qed jagħmel xogħol ta' għalliem fi skola partikolari. Ikkonferma wkoll li t-timesheet preżentata mill-Onor. Schembri kienet it-timesheet li suppost jiffirma, u li isem l-Onor. Schembri deher fuq it-timesheet ippreżentata mill-Ilmentatur, li jappartjeni għad-Dipartiment tal-Eżamijiet, bi żvista.

22. Fir-rigward tad-domandi dwar l-attendenza tal-Onor. Schembri, is-Segretarju Permanenti Vella qal li ma hemm l-ebda approvazzjoni formali biex jaħdem sigħat ridotti jew *remote working*, u li ma jeżisti l-ebda arranġament formali jew informali fir-rigward tal-attendenza relatata mal-irwol politiku tiegħu (ara Dok. Ċ2 fejn il-kap tal-iskola tikkonferma dan).

23. Fir-rigward ta' jekk l-Onor. Schembri qatt ġiex imwiddeb dwar l-assenzi tiegħu, is-Segretarju Permanenti Vella qal li kien talab informazzjoni iktar dettaljata mingħand il-kap tal-iskola fejn jaħdem l-Onor. Schembri. F'dan ir-rigward annetta email mingħand il-kap tal-iskola, fejn infurmat il-Ministeru bil-fatt illi kienet kellmet lill-Onor. Schembri dwar l-importanza tat-timesheets, u annettiet kopja ta' minuti li jirriflettu din il-konverżazzjoni (ara Dok. Ċ3).

24. Flimkien mar-risposta tiegħu, is-Sur Vella inkluda ukoll kopja taċ-ċirkolari numru DGPM/07/2024 tat-23 ta' Settembru 2024, liema ċirkolari titratta l-parteċipazzjoni tal-uffiċjali pubbliċi f'attivitajiet politiċi. Fir-rigward tal-għalliema speċifikament, iċ-ċirkolari tgħid illi l-assenzi tagħhom minħabba parteċipazzjoni f'attivitajiet politiċi għandhom jittieħdu mis-special leave li jkollhom l-għalliema.

*Provi preżentati mill-kap tal-iskola tramite s-Segretarju Permanenti*

25. Jidher illi t-timesheets preżentati mill-kap tal-iskola lill-Ministeru jkopru l-perjodu bejn il-bidu tas-sena skolastika f'Settembru sa Diċembru 2024. Dawn it-timesheets huma ffirmati mill-Onor. Schembri, u jindikaw il-ħinijiet ta' dħul u ħruġ tiegħu, għalkemm kważi kull ġurnata tirrifletti ħinijiet differenti. F'ċerti ġranet/ġimgħat, jidhru wkoll noti imniżżlin fil-marġini tat-timesheets. Ħafna drabi, in-noti rilevanti fejn hemm diskrepanzi fil-ħinijiet jindikaw ir-raġunijiet għall-assenzi/diskrepanzi bħala "parliamentary" jew "political reasons".

26. L-emails mingħand l-Onor. Schembri lill-assistenta kap tal-iskola risponsabbli għal-leave ikopru l-istess perjodu. B'mod ġenerali minn dawn l-emails joħorġu tliet kategoriji ta' notifiki, fejn l-Onor. Schembri jinfurma lill-assistenta kap li:

(a) ma jistax jattendi għal lezzjonijiet speċifiċi f'ċerti ġranet minħabba impenji rilatati max-xogħol parlamentari jew politiku tiegħu;

(b) jikkonferma li jista' jgħallem il-klassijiet tiegħu f'ċerti ġranet;

(c) se japplika għal leave f'ġranet speċifiċi minħabba impenji personali.

27. Il-minuti li l-kap tal-iskola ppreżentat (Dok. Ċ3) jirriflettu laqgħa li saret fil-15 ta' Novembru 2024. F'dawn il-minuti l-kap tal-iskola tgħid li kellmet lill-Onor. Schembri fil-preżenza ta' membri tal-istaff oħrajn dwar l-importanza tal-iffirmar tat-timesheets. F'dawn il-minuti l-kap tal-iskola qalet li l-Onor. Schembri qal li jkun inġust li jimla l-ħinijiet fuq it-timesheets għaliex huwa persuna pubblika, u li s-sistema ta' notifika bl-emails lill-assistenta kap hija biżżejjed. Indika ukoll li rċieva messaġġ fuq Whatsapp li m'għandux għalfejn jindika l-ħinijiet ta' dħul u ħruġ mill-iskola fuq it-timesheets.

28. Fl-email tagħha lill-Ministeru, il-kap tal-iskola qalet li jumejn wara li saret din il-laqgħa, fis-17 ta' Novembru, meta l-Onor. Schembri ġie mitlub jimla formola tas-special leave mill-assistenta kap tal-iskola, irrifjuta u bagħat screenshot tal-Manwal dwar Leaves Specjali flimkien mar-risposta tiegħu biex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu (ara Dok. Ċ4).

*Analiżi tad-dokumenti*

29. Fir-rigward tat-timesheets preżentati, kif ukoll l-emails li l-Onor. Schembri bagħat bħala notifiki tal-assenzi tiegħu, li huma dokumenti voluminużi, peress illi t-timesheets jinkludu l-ismijiet, firem u dettalji oħra personali ta' terzi, dawn mhumiex qegħdin jiġu annessi ma' dan ir-rapport. L-emails li bagħat lill-assistenta kap tal-iskola wkoll huma voluminużi, u jirriflettu informazzjoni repetittiva li fl-opinjoni tas-sottoskritt m'għandhiex għalfejn tiġu riprodotta kollha għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

30. Dan l-Uffiċċju għamel analiżi tat-timesheets preżentati kollha, kif ukoll tal-emails bejn l-Onor. Schembri u l-assistenta kap tal-iskola għall-perjodu bejn Settembru u Diċembru 2024. Minn din l-analiżi dan l-Uffiċċju seta' jidentifika d-dati meta l-Onor. Schembri bagħat notifika lill-iskola li kien ser ikun assenti (permezz ta' email), u d-dati meta indika fuq it-timesheets li kien assenti għal ġurnata sħiħa jew parti minnha, u qabbilhom ma' informazzjoni li dehret fid-dominju pubbliku dwar avvenimenti politiċi li saru fl-istess dati u li għalihom kien preżenti l-Onor. Schembri. Fuq il-midja soċjali jidher illi kien hemm numru t'attitivatijiet li l-Onor. Schembri attenda fl-istess perjodu li kienu rilatati kemm max-xogħol parlamentari kif ukoll max-xogħol politiku tiegħu, però ma kinitx ċara jekk kull assenza indikata fl-emails jew timesheets kienet minħabba xogħol politiku, jew parlamentari.

31. Fit-30 ta' Jannar dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Schembri u infurmah bil-ftuħ ta' investigazzjoni formali fid-dawl tal-artikoli 1, 3 ,4, u 6 tal-Kodiċi tal-Etika

għad-Deputati Parlamentari, u tah ukoll aċċess għall-provi li nġabru sa dik id-data. Inġibdet l-attenzjoni tiegħu għall-fatt illi fit-timesheets iffirmati minnu, l-assenzi tiegħu kienu mmarkati b'mod ġenerali bħala 'political leave' jew 'parliamentary role' u in vista tan-nuqqas ta' informazzjoni ċara dwar in-natura ta' dawn l-assenzi, is-sottoskritt deherlu li l-Onor. Schembri kellu jintalab jixhed dwar ir-raġunijiet għall-assenzi tiegħu, fejn dawn kienu minħabba attivitajiet politiċi jew parlamentari.

*Ix-xhieda tal-Onor. Schembri*

32. Fil-5 ta' Frar 2025, l-Onor. Justin Schembri xehed quddiem is-sottoskritt, assistit mill-avukat tiegħu Dr David Bonello (xhieda annessa bħala d-**Dokument D**).

33. F'din il-laqgħa, l-Onor. Schembri beda billi spjega illi huwa jgħallem fl-livell sekondarja. Qal li m'hemmx "contact hours" fissi mit-tmienja sas-sagħtejn però hemm lezzjonijiet assenjati lill-għalliema skont it-timetable tagħhom. Qal illi ntbagħat jgħallem fl-iskola fejn jaħdem bħalissa fil-bidu tas-sena skolastika biex jimla post vakanti.

34. Mistoqsi dwar ix-xogħol parlamentari li jkollu, l-Onor. Schembri qal li apparti mis-seduti tal-Parlament u laqgħat tal-kumitati tal-Kamra, jkollu attivitajiet rilatati max-xogħol tiegħu ta' Shadow Minister għall-Edukazzjoni. Spjega li parti mix-xogħol tiegħu f'dan ir-rigward jinkludi laqgħat ma' individwi, inkluż nies li jagħtu informazzjoni lill-Oppożizzjoni. Qal ukoll li jiġi mistieden iżur skejjel, jattendi konferenzi, u jattendi laqgħat oħrajn.[10] Qal:

> [...] *kull darba illi jiena kont imsejjaħ b'mod formali biex nattendi bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni jiena attendejt għaliex dan huwa fl-obbligu tiegħu bħala Membru Parlamentari.*[11]

35. Spjega illi meta hu possibbli, jipprova jirranġa sabiex impenji parlamentari jew politiċi ma jsirux waqt il-ħin tax-xogħol tiegħu.

36. Waqt din il-laqgħa l-Onor. Schembri ġie mitlub jispjega għalfejn f'ċerti dati kien hemm diskrepanzi fil-ħinijiet tiegħu indikati fuq it-timesheets. Spjega per

[10] Dokument D, linji 84-85.

[11] Dokument D, linji 90-92.

eżempju, illi fl-ewwel ġranet ta' Settembru, it-timesheets jindikaw li telaq kmieni għaliex dawk kienu ġranet preparatorji u ma kienx hemm lezzjonijiet.

37. Mitlub jispjega jekk attendiex żjara tal-Partit Nazzjonalista fil-Kulleġġ Ġ.F. Abela lejn l-aħħar ta' Settembru, spjega illi din ma kinitx żjara politika, però li kien mistieden formalment fil-kapaċità tiegħu ta' Shadow Minister tal-Edukazzjoni. F'dan ir-rigward qal li qabel ma sar deputat parlamentari, kien jieħu leave speċjali biex jattendi dawn it-tipi ta' avvenimenti.

38. Mistoqsi dwar in-noti li jidhru fuq it-timesheets li jindikaw meta jieħu "political leave", l-Onor. Schembri qal:

> *Il-, eh political leave, u l-asterisk dik hija prassi illi ilha qed tiġi addottata minn meta jien mort ir-Rabat. Iġifieri kien hemm ġranet fejn jiena kelli bżonn siegħa, kelli bżonn nofs siegħa kien hemm anka ċirkostanzi fejn jien dħalt ix-xogħol filgħodu, ħriġt fis-2 pm u kien hemm mumenti fejn throughout the day, jiena ħriġt biex nagħmel telefonati a bażi mal-irwol parlamentari tiegħi. Kien hemm ukoll video calls illi saru fil-karozza. Il-problema hi illi jiena Shadow Minister tal-Edukazzjoni f'binja tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Privatezza m'għandi xejn, spazju fl-istaff room m'għandix, u allura jiena nomadu ġo skola. U allura wieħed jifhem u jirrikonoxxi li fl-aħħar mill-aħħar jiena għandu rwol kostituzzjonali, apparti li għandi l-impjieg tiegħi mal-Ministeru, sensittiv ħafna, għaliex jiena Shadow Minister tal-Ministru illi qiegħed jimpjegani, u kull darba li jiena kelli bżonn l-ispazju tiegħi ħriġt sabiex nagħmel telefonati jew inkella ħriġt biex ikolli laqgħat eċċetera, bħal ma semmejna laqgħat konferenzi, eċċetera, fil-perjodu tal-ħin tax-xogħol u dħalt lura u dejjem ġiet immarkata bħala asteriska u mniżżla political leave.* [...]
>
> *Il-kolonna remarks ġieli tkun mimlija minn mill-amministrazzjoni, is-segretarja jew hekk, jew ġieli nkun qiegħed qed nimlihom jiena. Issa ħafna drabi jikkorrispondu mal-emails li nkun bgħatt fejn ma jikkorrispondux u jkun hemm l-asterisk u jkun hemm okkażjonijiet fejn jiena ħriġt f'mument fejn ma affetwajtx il-lezzjoni jew inkella ħriġt f'mument fejn jiena għamilt telefonata, video call whatever u erġajt dħalt lura. Però kull darba li jiena ħriġt minn ġo l-iskola, mhux biex immur nixtri l-lunch fil-break, kull darba li jiena ħriġt mill-iskola minħabba duties politiċi relatati mal-irwol parlamentari tiegħi jiena dejjem immarkajt l-asteriska tal-political leave. Din hija prassi illi saret mill-ewwel ġurnata illi jiena mort ir-Rabat, u qatt ħadd ma kellu oġġezzjoni għal din. Meta qiegħed ngħid ħadd qatt, la l-Permanent*

*Secretary, la People Management mill-HR, la l-Prinċipal, la l-kap tal-iskola u lanqas l-assistent kap. Din bdiet tiġi investigata la darba nfetaħ l-ilment fil-konfront tiegħi, iġifieri fil-perjodu kollu qatt ma kien hemm dubju dwar il-movimenti tiegħi relatati mal-irwol parlamentari tiegħi minn hemm.*[12]

39. L-Onor. Schembri ġie mistoqsi għalfejn fit-2 t'Ottubru indika biss il-ħin li daħal għax-xogħol u ma indikax il-ħin li ħareġ mill-iskola fuq it-timesheet. Ġie spjegat illi mill-paġna tal-Facebook tiegħu jidher illi dakinhar attenda konferenza stampa tal-partit fl-MCAST filgħodu, u imbagħad attenda attività tal-kostitwenza tiegħu. F'dan ir-rigward l-Onor. Schembri spjega li kien ħa leave speċjali biex jattendi l-attività tal-kostitwenza, u ppreżenta kopja tal-formola rilevanti għal dik il-ġurnata li ssottometta lill-iskola biex jitlob leave speċjali. Barra minn hekk, spjega illi kull nhar ta' Erbgħa jkollu "time off" u dejjem jitlaq fin-nofsinhar u għaxra.

40. Spjega li meta jorganizza attivitajiet tal-kostitwenza tiegħu, bħalma huma coffee mornings, dawn għalhekk dejjem isiru nhar ta' Erbgħa, u ppreżenta formola oħra għal ġurnata differenti fejn talab leave speċjali, li tikkorrispondi għal coffee morning oħra f'Novembru 2024.

41. Barra minn hekk, spjega illi f'okkażjoni oħra, fejn ukoll ġiet organizzata konferenza stampa dwar suġġett li ma jaqax fil-portafoll tiegħu, filwaqt li attenda għall-konferenza stampa, peress illi hu ma kienx il-kelliem prinċipali, ħass li kellu jieħu leave speċjali biex jattendi għal dik il-konferenza.

42. Mistoqsi jekk iżommx rikordju ta' meta jieħu leave speċjali, l-Onor. Schembri wieġeb fl-affermattiv u preżenta kopji tat-talbiet għal leave speċjali li għamel għat-2 u l-24 t'Ottubru, is-27 ta' Novembru u s-6 ta' Diċembru 2024.

43. Fir-rigward tal-assenzi tiegħu rilatati ma' telefonati, jew okkażjonijiet fejn telaq mill-iskola minħabba x-xogħol tiegħu ta' Shadow Minister, mistoqsi jekk l-amministrazzjoni tal-iskola kinitx taf b'din il-prattika, l-Onor. Schembri preżenta kopja ta' email datata l-14 ta' Novembru (annessa bħala **Dokument D1**) mingħand il-kap tal-iskola lill-prinċipal tal-kulleġġ li tgħid:

> *Kindly note that Ms Rodianne Haber (in copy), deputy head in charge of replacements and myself would like to clarify information given regarding Mr Justin Schembri (in copy). I have confirmed with both Ms*

[12] Dokument D, linji 208 – 221 u 226 – 238.

*Haber (copy) and Mr Schembri himself, that he attends to school every day and leaves when he has political duties according to the PSMC. Mr Schembri sends an email to Ms Haber on a weekly basis to notify her of the lesson/s which he would not be able to attend.*

44. Ġew diskussi ukoll avvenimenti speċifiċi li attenda l-Onor. Schembri, bħal per eżempju, konferenza organizzata mill-Istitut għall-Edukazzjoni, u kampanja tal-Istrina Piggy Bank li għaliha nħarġet stedina mill-Uffiċċju tal-President.

45. Fir-rigward ta' attivitajiet oħrajn, bħal żjarat li saru minnu u minn deputati parlamentari oħrajn fuq stedina tal-kunsill lokali ta' Ħad-Dingli, fil-kampus tal-MCAST f'Malta, fil-kampus tal-kulleġġ Ġ.F Abela f'Għawdex u fl-Università ta' Malta, l-Onor. Schembri qal li dawn ma kinux żjarat tal-partit, ossija żjarat politiċi, u qal li kien preżenti hu fil-kapaċità tiegħu ta' Shadow Minister tal-Edukazzjoni. Mistoqsi jekk kellux kopja ta' stediniet uffiċjali għal dawn l-okkażjonijiet, l-Onor. Schembri qal li l-istediniet normalment jintbagħtu lilu jew lil-Kap tal-Oppożizzjoni skont il-każ. Fil-waqt illi kkommetta ruħu li jippreżenta kopji ta' stediniet uffiċjali li rċieva u li kienu fil-pussess tiegħu, l-Onor. Schembri qal li ma jistax jippreżenta rikordji ta' ċerti laqgħat li kellu, dan sabiex jipproteġi nies li jiltaqgħu miegħu b'mod kunfidenzjali.

46. L-Onor. Schembri ġie mistoqsi ukoll dwar l-użu tal-kont tal-email tal-"ilearn" tiegħu, kont uffiċjali li jingħata lill-għalliema, b'mod speċifiku il-fatt li jidentifika ruħu fis-signature tal-emails tiegħu bħala "Hon. Justin Schembri MP, Shadow Minister for Education". F'dan ir-rigward qal li juża dik in-nomenklatura għaliex huwa t-titlu tiegħu u li l-kont tal-"ilearn" jintuża biss biex jibgħat emails internament fl-iskola u lill-kap tad-dipartiment.

47. B'riferenza għall-minuti miktubin mill-kap tal-iskola u preżentati mis-Segretarju Permanenti, l-Onor. Schembri ġie mistoqsi jekk hux minnu li rċieva messaġġ fuq Whatsapp li jgħid illi m'għandux għalfejn jiffirma l-ħinijiet ta' dħul u ħruġ mix-xogħol. L-Onor. Schembri kkonferma li rċieva dan il-messaġġ imma deherlu li ma kellux jiżvela iktar informazzjoni dwaru. Dan l-Uffiċċju fehem li dan il-messaġġ ma kienx mingħand sors uffiċjali u għaldaqstant ma kkundsidrahx bħala rilevanti għall-każ.

48. Mistoqsi jekk qatt irċieviex twissija dwar l-attendenza tiegħu l-Onor. Schembri wieġeb fin-negattiv:

*Qatt. Iġifieri nerġa' ntenni, il-prassi tiegħi mill-ewwel ġurnata li jiena mort fl-iskola medja tar-Rabat sal-lum, kienet illi jiena nidħol filgħodu niffirma,*

*jekk ikun hemm bżonn noħroġ, nagħmel l-asteriska illi għadni qed nagħmilha sal-lum, u mind you għadni qed niffirma fuq timesheet illi hija pubblika esposta għar-ritratti ta' kulħadd u minn dak inhar 'l hawn, qatt ma kien hemm xi forma, xi forma ta' ta', ta', ta' twiddiba jew xi forma ta' email. Jiena nista' ngħidlek ukoll ta' imma m'għandix din il-kopja imma nista' nipprovdihilkom m'għandi l-ebda problema, għaliex dak illi huwa ġust irid ikun ġust. Jiena fil- eh ħa nsib id-data eżatta meta kienet, hmm fit-22 ta' Jannar, ta' din is-sena 2025, bgħatt email lill-Ministru, l-Onorevoli kollega Clifton Grima, lill-Perm Sec. Mr Matthew Vella, u lill-Head of People Management tal-Education, fejn speċifikament tlabthom jagħtu direzzjoni dwar kif u xiex inhu mistenni minni fir-rigward ta' dħul u ħruġ u dwar xiex hmm u x'għandu jsir. Ma ħadt l-ebda acknowledgement, bgħatt reminder fl-14 ta' Frar ta' din is-sena, u erġajt ma ħadt ebda rikonoxximent illi jiena bgħatt l-email. Iġifieri jiena bl-ebda mod ma nista' ngħid illi b'xi mod jew ieħor inqast għaliex ilkoll nafu illi meta inti tkun impjegat, meta tonqos ta' fuqek jinfurmak.*[13]

*L-istediniet uffiċjali li rċieva l-Onor. Schembri*

49. Irriżulta mil-laqgħa mal-Onor. Schembri illi teżisti l-"grey area" diġà msemmija fil-paragrafu 14 fejn jidħol ix-xogħol li jagħmlu Shadow Ministers/kelliema tal-Oppożizzjoni u l-interpretazzjoni ta' x'inhu xogħol parlamentari. Fl-24 ta' Marzu, wara dak li ġie diskuss fil-laqgħa surreferit, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Onor. Schembri u talbu jipprovdi kopji ta':

- diversi stediniet uffiċjali għal avvenimenti li saru waqt il-ħin tax-xogħol tiegħu;
- l-istediniet uffiċjali li ntbagħtu minnu għal laqgħat li saru fuq inizjattiva tiegħu;
- korrispondenza li bagħat lill-Ministru Grima, s-Segretarju Permanenti Vella u d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Immaniġġjar tan-Nies fil-ministeru fejn talab direzzjoni fir-rigward tal-pożizzjoni tiegħu bħala għalliem u Shadow Minister;
- aġġornament fir-rigward ta' jekk irċeviex jew bagħatx korrispondenza b'risposta għall-email li rċieva fl-14 ta' Novembru mingħand il-kap tal-iskola.

[13] Dokument D, linji 750 – 764.

50. Fl-4 ta' April wieġeb l-Onor. Schembri permezz ta' email (annessa bħala **Dokument E**), flimkien ma' liema annetta kopji ta' dokumenti fil-pussess tiegħu bħala provi ta' stediniet li rċieva. Dan l-Uffiċċju nnota li l-istediniet intbagħtu lill-Onor. Schembri jew fil-kapaċità tiegħu ta' Shadow Minister għall-Edukazzjoni/kelliem tal-Oppożizzjoni, jew bħala deputat parlamentari iżda xorta waħda għal attivitajiet li kienu rilatati mal-qasam tal-edukazzjoni. Barra minn hekk, bagħat kopja tal-email li kien bagħat lill-Ministru Grima kif iddeskriva fil-laqgħa tal-5 ta' Frar[14] (annessa bħala **Dokument E1**).

51. Fejn ma setax jipprovdi kopji tad-dokumentazzjoni, l-Onor. Schembri indika l-individwi mingħand min dan l-Uffiċċju seta' jitlob kopji jiġu preżentati. Dan l-Uffiċċju kkunsidra l-istediniet u korrispondenza preżentati mill-Onor. Schembri, li mhumiex qegħdin jiġu annessi ma' dan ir-rapport sabiex ma jirrenduhx voluminuż iżżejjed.

52. Fid-9 ta' April dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onorevoli Clifton Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Innovazzjoni, u talbu jgħid jekk intbagħtitx risposta lill-Onor. Schembri jew jekk ingħatax direzzjoni b'risposta għall-emails tiegħu.

53. Fit 22 t'April wieġeb il-Ministru Grima permezz ta' email fejn qal illi ġie infurmat li l-email mibgħuta mill-Onor. Schembri kienet ġiet imwieġba mid-Direttur Ġenerali għar-Riżorsi Umani, però ma pprovdiex iktar dettalji f'dan ir-rigward.

54. Fit-23 t'April dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Ministru Grima u talbu jipprovdi kopja tal-imsemmija korrispondenza lill-Onor. Schembri li għaliha għamel riferenza fir-risposta tiegħu lil dan l-Uffiċċju.

55. Dakinhar stess il-Ministru Grima wieġeb u pprovda kopja tal-korrispondenza li ntbagħtet lill-Onor. Schembri mid-Direttur Ġenerali għall-Immaniġġjar tan-Nies (annessa bħala **Dokument F**).

56. Fit-12 ta' Mejju dan l-Uffiċċju kiteb lir-Rettur tal-Università ta' Malta, il-Professur Alfred Vella, lill-President tal-MCAST, is-Sur Horace Lauri, u lill-Prinċipal tal-Ġ.F. Abela Junior College, is-Sur Paul Xuereb, sabiex jitlobhom jipprovdu informazzjoni dwar stediniet uffiċjali li nħarġu mill-uffiċċji tagħhom

[14] Paragrafu 47 ta' dan ir-rapport.

lill-Onor. Schembri għal żjarat li saru minnu f'dawn l-istituzzjonijiet waqt il-ħin tax-xogħol tiegħu.

57. Fl-14 ta' Mejju permezz ta' email b'ittra annessa datata t-13 ta' Mejju mingħand is Sur Paul Xuereb, dan l-Uffiċċju rċieva kopji ta' stediniet li saru lil diversi individwi, ikluż l-Onor. Schembri bħala kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Edukazzjoni, fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena skolastika tal-Kulleġġ Ġ.F. Abela.

58. Fis-16 ta' Mejju il-Professur Alfred Vella, Rettur tal-Università, wieġeb permezz ta' email fejn qal li l-Università kienet stiednet lill-Ministru tal-Edukazzjoni kif ukoll lix-Shadow Minister għal dak il-portafoll għall-ftuħ tal-Università. Flimkien mal-email tiegħu annetta kopja tal-istedina li ntbagħtet lill-Onor. Schembri.

59. Fid-19 ta' Mejju permezz ta' email, l-uffiċċju tal-President tal-MCAST bagħat kopji ta' stediniet uffiċjali li ntbagħtu lill-Onor. Schembri, kif ukoll lill-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena skolastika.

*Sottomissjonijiet finali*

60. Fit-30 ta' Mejju dan l-Uffiċċju rega' kiteb lill-Onor. Schembri sabiex itih aċċess għall-provi li nġabret, u sabiex jinfurmah illi l-użu tan-nomenklatura ta' Shadow Minister fil-kont tal-"ilearn" tiegħu ukoll kien ser jiġi kkunsidrat taħt l-artikolu 6 tal-Kodiċi tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

61. Fid-19 ta Ġunju l-Onor. Schembri wieġeb u talab laqgħa mas-sottoskritt sabiex jagħti xhieda orali, jissottometti xi dokumenti u jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri.

62. Fit-30 ta' Ġunju dehru l-Onor. Schembri u l-avukat tiegħu (sommarju tal-laqgħa annessa bħala **Dokument G**). L-Onor. Schembri preżenta sensiela ta' emails li bagħat mill-kont tal-ilearn tieghu, dan bħala provi li fil-perjodu investigat, kien bagħat korrispondenza minn dak il-kont lis-superjuri tiegħu, internament fl-iskola, u lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni biss.

63. L-avukat tiegħu għamel sottomissjonijiet ulterjuri f'din il-laqgħa fejn qal:

> *Il-Kodiċi tal-Etika jgħidlek li inti tuża l-pożizzjoni tiegħek b'mod li tista' tieħu vantaġġ – f'dan il-każ kif ġie preżentat żgur fl-opinjoni umli tagħna ma jistax, ma setax jittieħed vantaġġ għaliex l-ewwelnett qed, il-kommunikazzjoni kienet ma' impjegati anzi jiġu s-superjuri tiegħu, li jafu*

*x'inhu fis-sens għax ovvjament, m'għandux għalfejn jgħid, propjament ġie deployed f'dak jiġifieri nemmnu illi apparti li hi ovvjament il-Kummissarju għandu d-dritt jinvestiga x'inhi, il-kwerela ħa ngħidilha hekk ma kinitx fuq hekk imma anke fuq hekk aħna nemmnu illi m'hemmx bażi għaliex sinċerament m'hemm l-ebda mod kif tista' tara mill-emails ma seta jieħu xi vantaġġ l-Onorevoli Justin Schembri.*[15]

**Konsiderazzjonijiet**

*L-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur*

64. Dan l-Uffiċċju beda billi kkunsidra l-allegazzjoni indikata fl-ilment, u ċioe dik li l-Onor. Schembri ma jattendix għax-xogħol tiegħu bħala għalliem impjegat mal-gvern u xorta jitħallas.

65. Mill-provi preżentati f'dan il-każ, jidher illi fil-fatt, l-Onor. Schembri jattendi għax-xogħol u jiffirma timesheet differenti għal kollox minn dik preżentata mill-Ilmentatur, u għalhekk mhux minnu li l-Onor. Schembri ma jattendix għax-xogħol kif allegat.

66. Jirriżulta illi teżisti sistema fil-prattika fejn l-Onor. Schembri jirrapporta lis-superjuri tiegħu meta ser ikun assenti mix-xogħol għall-attivitajiet marbutin mal-irwol parlamentari tiegħu, jew għax-xogħol politiku tiegħu. Mid-dokumentazzjoni preżentata mill-Onor. Schembri, jidher illi għal dawk l-attivitajiet identifikati minn dan l-Uffiċċju bħala attivitajiet tal-kostitwenza fil-perjodu in eżami, l-Onor. Schembri kien talab leave speċjali mingħand l-iskola fejn jaħdem.

67. Għandu jiġi ċċarat li fil-qasam tal-edukazzjoni, it-terminu "leave speċjali" jirreferi għal leave meħud minn għalliem fil-ġranet tal-iskola. Kull għalliem għandu l-faċilità li jieħu numru ta' ġranet ta' leave ta' din ix-xorta. Dan ifisser li biex jattendi attivitajiet tal-kostitwenza, l-Onor. Schembri ħa leave minn tiegħu, u la ngħata konċessjoni speċjali u lanqas inqeda bil-faċilità ta' rilaxx mix-xogħol li hija ntiża għad-dmirijiet parlamentari.

---

[15] Dokument O, paġna 2.

68. Madanakollu, minkejja li jidher li l-Onor. Schembri jattendi għax-xogħol, tqajmu ċerti domandi oħra mill-investigazzjoni li jistħoqqu diskussjoni u konsiderazzjoni.

*Ir-rilaxx minħabba xogħol parlamentari jew politiku*

69. L-Onor. Schembri, bħala deputat parlamenti kif ukoll Shadow Minister għall-Edukazzjoni tal-Oppożizzjoni, jkollu impenji li huma marbutin mal-irwol parlamentari tiegħu, bħalma jkunu seduti parlamentari jew laqgħat ta' kumitati parlamentari. Barra minn dawn, ikollu wkoll diversi impenji marbutin mal-irwol tiegħu ta' Shadow Minister. Mill-provi li ra s-sottoskritt, dan l-irwol jinkludi laqgħat ma' individwi u stakeholders f'oqsma rilatati mal-edukazzjoni, kif ukoll l-attendenza tiegħu għal avvenimenti uffiċjali.

70. Is-sottoskritt ukoll diġà kellu l-opportunità jikkummenta fuq din il-"grey area", fejn qal illi wieħed għandu jikkunsidra:

> *jekk dawn il-laqgħat għandhomx jitqiesu bħala xogħol parlamentari, u allura deputat parlamentari li huwa impjegat pubbliku jista' jattendihom waqt il-ħin tax-xogħol, jew inkella bħala xogħol politiku li mhux kopert minn din il-faċilità.*[16]

71. Is-sottoskritt jinnota li l-kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni ta' x'inhu xogħol parlamentari li ssemmew mill-Kummissarju preċedenti għadhom ma ġewx indirizzati. Dan ifisser li llum il-ġurnata għadha teżisti ambigwità fir-rigward ta' jekk il-faċilità ta' rilaxx mix-xogħol li tapplika għad-deputati li jaħdmu fis-settur pubbliku tkoprix l-attivitajiet ta' dawk id-deputati li huma ukoll kelliema jew Shadow Ministers fuq in-naħa tal-Oppożizzjoni.

72. F'dan il-każ, mill-provi preżentati jidher illi f'diversi okkażjonijiet, l-Onor. Schembri kien mistieden jattendi għal avvenimenti li saru waqt il-ħin tax-xogħol tiegħu organizzati fost oħrajn mill-Università ta' Malta, l-MCAST, il-Kulleġġ Ġ. F. Abela, l-uffiċċju tal-President ta' Malta, il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli, kif ukoll minn terzi fis-settur privat. Barra minn hekk, dan l-Uffiċċju jinnota li kien hemm ukoll okkażjonijiet fejn laqgħat saru fuq talba ta' terzi lill-Onor. Schembri in konnessjoni ma' ċerti kwistjonijet propjament għaliex huwa Shadow Minister għall-Edukazzjoni.

[16] Ara l-paragrafu 48 tar-rapport dwar il-Każ K/071.

73. Irriżulta ukoll illi malli tqajmet kwistjoni fuq l-attendenza tiegħu għax-xogħol fil-forma tal-Ilment, l-Onor. Schembri talab direzzjoni formali mingħand il-Ministeru għall-Edukazzjoni, dan sabiex ikun konfortat li l-pożizzjoni tiegħu bħala Shadow Minister vis-a-vis l-assenzi tiegħu in konnessjoni ma' dak l-irwol tkun b'xi mod koperta. Madanakollu kellu jibgħat tfakkira għal dik il-korrispondenza, u jidher illi ma rċieva l-ebda direzzjoni min-naħa tal-Ministru jew il-Ministeru barra riferenza għar-regoli għal leave ġenerali skont iċ-ċirkolari DGPM/07/2024, mingħajr direzzjoni ċara dwar il-pożizzjoni tiegħu.

74. Għalhekk jidher illi r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju preċedenti għadha ma ġietx imwettqa. Għandha tittieħed inizjattiva ċentrali għal dan il-għan: il-gvern ma jistax iħalli f'idejn il-kapijiet ta' dipartimenti u entitajiet individwali.

*Kelliema tal-Oppożizzjoni li jaħdmu mal-gvern*

75. Kif diġà ġie spjegat f'dan ir-rapport u rapporti preċedenti, il-ħatra ta' deputati tal-Oppożizzjoni bħala kelliema jew Shadow Ministers tal-qasam fejn jaħdmu joħloq il-possibbiltà ta' kunflitt ta' interess fl-irwol tagħhom bħala impjegati pubbliċi, fejn dawk id-deputati jistgħu jispiċċaw jew jikkritikaw lil min jimpjegahom fil-Parlament, jew jużaw informazzjoni li jsiru jafu biha fuq il-post tax-xogħol għall-gwadann politiku, anke jekk ma tkunx fid-dominju pubbliku.

76. Għalhekk, għandu jkun prinċipju stabbilit li deputati tal-Oppożizzjoni li jaħdmu fis-settur pubbliku ma jinħatrux bħala kelliema għall-istess settur fejn jaħdmu.[17]

*L-użu tan-nomenklatura "MP, Shadow Minister for Education"*

77. Fil-perkors tal-investigazzjoni, dan l-Uffiċċju nnota li fis-signature tal-kont tal-ilearn, ossia l-email uffiċjali li tingħata lil dawk l-għalliema li jaħdmu mal-gvern, l-Onor. Schembri kien qed juża n-nomenklatura ta' "MP, Shadow Minister for Education". Dan ifisser illi fil-korrispondenza tiegħu minn dan il-kont, kien qed jagħmel riferenza mhux biss għall-pożizzjoni tiegħu ta' deputat parlamentari, però wkoll għall-irwol tiegħu ta' Shadow Minister.

---

[17] Ara il-paragrafu 81 tar-rapport dwar il-każ K/021

78. Il-kwistjoni tal-użu ta' din in-nomenklatura fl-opinjoni tas-sottoskritt kellha tiġi indirizzata, dan għaliex tqajmet il-possibbiltà li deputat parlamentari li jaħdem mal-gvern u li jagħmel riferenza għas-sħubija tiegħu fil-Kamra tar-Rappreżentanti b'dan il-mod fuq il-post tax-xogħol tiegħu jista' faċilment jieħu vantaġġ mhux xieraq.

79. Fl-opinjoni tas-sottoskritt, din il-prattika tirrifletti pożizzjoni problematika, dik fejn deputat parlamentari jista' jkun qed jagħmel pressjoni fuq kollegi u s-superjuri tiegħu, anke jekk mhux b'mod intenzjonali, b'mod partikolari meta jkun qed jitlob leave, time off jew benefiċċji oħra, jew jekk ikun qed javża li se jassenti ruħu mill-post tax-xogħol.

80. Deputat parlamentari li jaħdem mal-gvern għandu japprezza illi l-pożizzjoni tiegħu tista' twassal għal sitwazzjoni fejn ikun qed jibbenefika inġustament fix-xogħol tiegħu ta' kuljum. Dan jista' jsir anke għaliex il-kollegi u/jew superjuri tiegħu jafu li għada pitgħada, id-deputat jista' jiġi appuntat ministru risponsabbli għall-istess qasam u għalhekk jaġixxu b'mod differenti fil-konfront tiegħu.

81. Għalhekk, fil-11 ta' Lulju, dan l-Uffiċċju reġa' kiteb lill-Onor. Schembri u infurmah bl-eżitu tal-investigazzjoni. Is-sottoskritt informa lill-Onor. Schembri illi fil-fehma tiegħu, filwaqt illi l-provi preżentati waqt l-investigazzjoni ma wasslux għal sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-attendenza tiegħu għax-xogħol, l-użu tan-nomenklatura "MP, Shadow Minister for Education" fl-emails tax-xogħol tiegħu tirrappreżenta ksur tal-artikolu 6 tal-Kodiċi.

82. Bħala rimedju taħt dan l-artikolu, dan l-Uffiċċju ppropona li l-Onor. Schembri jibgħat apoloġija bil-mikub talli uża l-kliem "MP, Shadow Minister for Education" fis-signature tal-email tax-xogħol tiegħu, li jieqaf jużа din in-nomenklatura, u li jintrabat li dan ma jerġax isir fil-futur.

83. Dakinhar stess l-Onor. Schembri wieġeb permezz ta' ittra (annessa bħala **Dokument H**) fejn qal:

> *- b'referenza għall-ittra tiegħek mibgħuta llum nhar il-11 ta' Lulju tal-2025, u li fiha in vista tal-fatti surreferiti, dan il-każ jista' jiġi konkluż taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, qiegħed hawnhekk nibgħat apoloġija għall-fatt li wżajt in-nomenklatura 'MP, Shadow Minister for Education' fil-kont tal-ilearn tiegħi sal-perjodu li dan in-nuqqas tqajjem minnek. Nirrimarka li qed ikun assigurat li din il-prattika ma tirrepetix ruħha.*

**Konklużjonijiet**

84. Għaldaqstant, bis-saħħa ta' din l-apoloġija, is-sottoskritt qed jagħlaq il-każ ai termini tal-imsemmi artikolu 22(5) tal-kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta.

85. Is-sottoskritt itenni r-rakkomandazzjonijiet magħmul erba' snin u nofs ilu mill-Kummissarju għall-Istandards preċedenti sabiex:

(a) jiġi ċċarat jekk deputat parlamentari li huwa impjegat pubbliku jistax jiġi rilaxxat mix-xogħol biex jattendi laqgħat tal-grupp parlamentari tiegħu, jew biex jagħmel xogħol bħala whip jew viċi-kap tal-partit għall-affarijiet parlamentari: dan l-eżerċizzju għandu jikkunsidra wkoll laqgħat u avvenimenti li d-deputat jattendi fil-kapaċità ta' shadow minister; u

(b) jiġu introdotti mekkaniżmi sabiex id-dipartimenti u l-entitajiet pubbliċi li jħaddmu deputati parlamentari jkunu jistgħu jiżguraw li l-faċilità ta' rilaxx mhix qed tiġi abbużata.

86. Is-sottoskritt jirrakkomanda wkoll li deputati tal-Oppożizzjoni li jaħdmu mal-gvern jew f'entità parastatali ma jinħatrux bħala Shadow Ministers risponsabbli għall-iskrutinju tal-portafoll tal-entità jew dipartiment fejn jaħdmu.

87. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Ilmentatur u lill-Onorevoli Justin Schembri, kif ukoll lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja ser tintbagħat anke lis-Segretarju Permanenti Ewlieni u lill-Kap tal-Oppożizzjoni in vista tar-rakkomandazzjonijiet fuq. Kopja ser titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| **Dokument** | **Deskrizzjoni** | **Fol. tal-Kumpilazzjoni** |
|---|---|---|
| Dokument A | Email mingħand is-Sur Neville Gafa datata t-13 ta’ Novembru 2024. | 001 |
| Dokument B | Ittra mingħand l-Onor. Justin Schembri datata l-10 ta’ Diċembru 2024. | 003 |
| Dokument Ċ | Ittra mingħand is-Sur Matthew Vella, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, datata s-16 ta’ Jannar 2025. | 004 |
| Dokument Ċ1 | Kopja taċ-Ċirkolari numru DGPM/07/2024 maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni fit-23 ta’ Settembru 2024. | 006 |
| Dokument Ċ2 | Email lill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni mingħand il-kap tal-iskola fejn jgħallem l-Onor. Schembri datata s-6 ta’ Jannar 2025. | 007 |
| Dokument Ċ3 | Minuti ta’ laqgħa preżentati mill-istess kap tal-iskola datati l-15 ta’ Novembru 2024. | 011 |
| Dokument Ċ4 | Email mingħand l-Onor. Schembri lill-assistenta kap tal-iskola datata l-20 ta’ Diċembru 2024. | 012 |
| Dokument D | Traskrizzjoni ta’ laqgħa mal-Onor. Justin Schembri li saret fil-5 ta’ Frar 2025. | 015 |
| Dokument D1 | Kopja ta’ email mingħand il-kap tal-iskola datata l-14 ta’ Novembru 2024. | 038 |
| Dokument E | Ittra mingħand l-Onor. Schembri datata l-4 t’April 2025. | 039 |
| Dokument E1 | Email lill-Ministru Clifton Grima, u uffiċjali fil-ministeru tiegħu mingħand l-Onor. Schembri, datata t-22 ta’ Jannar 2025. | 042 |
| Dokument F | Email mingħand il-Ministru Clifton Grima datata t-23 t’April 2025. | 045 |
| Dokument G | Sommarju ta’ laqgħa li saret mal-Onor. Schembri fit-30 ta’ Ġunju 2025. | 047 |

| **Dokument** | **Deskrizzjoni** | **Fol. tal-Kumpilazzjoni** |
|---|---|---|
| Dokument H | Ittra mingħand l-Onor. Schembri datata l-11 ta' Lulju 2025. | 049 |

**From:** Neville Gafà
**To:** Office
**Subject:** Ilment
**Date:** 13 November 2024 17:00:59

---

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

11, Triq San Pawl,
il-Belt Valletta VLT 1210,
Malta

Ilmentatur: Neville Gafà

Data tal-Ilment: L-Erbgħa 13 ta' Novembru 2024

L-Ilment :

Jirrigwarda l-Onorevoli Justin Schembri, Membru Parlamentari Partit Nazzjonalista - L-Erbatax-il Leġislatura li ġġib il-bidu tagħha 2022.

Illi l-Onorevoli Justin Schembri huwa impjegat fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala Għalliem.

Illi l-Onorevoli Justin Schembri suppost ikun qed jaħdem fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni, imma ma jmurx għax-xogħol.

Illi l-Onorevoli Justin Schembri ma jirrapurtax għax xogħol iżda jieħu l-paga xorta waħda.

Sur Kummissarju,

Kull Deputat Parlamentari huwa marbut bil-kodiċi ta' etika għad-Deputati li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Membru tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull waqt, sew jekk ġewwa jew barra l-Kamra, iġib ruħu b'mod li jkun jixhed l-istatus u d-dinjità tal-Kamra tad-Deputati.

Nemmen li meta l-Onorevoli Justin Schembri mhux jirrapporta fuq il-post tax-xogħol u addirittura jibqa' jitħallas b'mod regolari, u mill-flus il- poplu, allura qed jikser il-kodiċi ta' etika għad-Deputati.

L-Onorevoli Justin Schembri qed jonqos milli jsegwi l-obbligu etiku jew dmir ieħor li joħroġ mil-liġi. F' dan il-każ għaliex huwa impjegat maċ-ċivil u allura mħallas mill-Istat.

Għaldaqstant, permezz ta' dan il-komunikat, qed ġentilment nitolbok tinvestiga lil l-Onorevoli Justin Schembri għal dan l-abbuż li jista' jirriżulta fi ksur tal-kodiċi ta' etika għad-Deputati.

Mehmuż dokument relatat għall-attenzjoni ġentili tiegħek.

Tislijiet

Neville Gafà
International Business Consultant

+356 [redacted]

[redacted]

Sent from [redacted] for iOS

**Ilment Numru 187** dwar l-attendenza tiegħi fuq il-post tax-xogħol

Illum l-10 ta' Diċembru, tal-2024

Lill-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Nikteb b'referenza għall-ittra tiegħek datata nhar il-15 ta' Novembru tal-2024, li fiha qed ikun allegat li jien, l-Onor. Justin Schembri MP, detentur tal-Karta tal-Identità numru [redacted]M, m'iniex nidħol għax-xogħol bħala għalliema mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Ġentilment ninformak, li l-evidenza li qed tasal għandek hija inkorretta. Annessa, għandek issib it-time-sheet iffirmata skont fejn jien impjegat bħalissa.

Għalhekk, inqis li ma hemm ebda lok għal investigazzjoni u l-ilment għandu jitwaqqa'.

Nibgħat inselli għalik,

Onor. Justin Schembri MP

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI

16 ta' Jannar 2025

Lill-Onor. Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika
11
Triq San Pawl
Valletta

Sur Kummissarju,

**K/070 – talba għal evidenza skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika**

B'referenza għall-ittra tiegħek datata 12 ta' Diċembru 2024 fuq il-każ numru K/070, qed nipprovdi l-informazzjoni mitluba hawn taħt;

i. Nikkonferma li l-Onor. Justin Schembri huwa mpjegat bħala għalliem fl-iSkola Medja tar-Rabat fi ħdan il-Kulleġġ San Nikola.

ii. Nikkonferma li l-irwol tal-Onor. Justin Schembri huwa ta' għalliem.

iii. L-attendenza immarkata bħala Dok '3' hija l-attendenza tal-iSkola Medja tar-Rabat.

iv. L-Onor Schembri għandu jiffirma l-attendenza mmarkata bħala Dok '3'.

v. Infurmat mid-dipartiment konċernat li l-isem ta' l-Onor. Schembri baqa' jidher fuq l-attendenza tad-Dipartiment tal-Eżamijiet bi żvista.

vi. Wara li saru l-verifiki neċessarji mid-Dipartiment tal-'People Management' fi ħdan dan il-Ministeru, dan l-uffiċċju huwa nfurmat li l-Onor Schembri m'għandu l-ebda approvazzjoni formali għal sigħat ridotti jew remote working.

vii. Wara li saru l-verifiki neċessarji mid-Dipartiment tal-'People Management' fi ħdan dan il-Ministeru, ma jeżisti l-ebda arranġament formali jew informali bejn id-Dipartiment u l-Onor. Schembri fir-rigward l-attendenza tiegħu fl-iskola relatata mal-irwol politiku tiegħu.

viii. Bħala Segretarju Permanenti jaqgħu taħt ir-responsabbilità ta' dan l-Uffiċċju madwar 8,390 edukatur u 4,423 ħaddiem ieħor li jaħdmu f'xi dipartiment, skejjel jew entitajiet fi ħdan dan il-Ministeru u għalhekk l-attendenza ta' kull ħaddiem kif ukoll rwoli varji oħra huma delegati lil pożizzjonijiet varji.

Fil-każ tal-Onor. Schembri, tali responsabbiltà tal-attendenza tkun tal-Kap tal-iSkola. Biex id-Dipartiment jassisti lill-iskejjel dwar l-attendenza relatata ma' attivitajiet Politici kienet intbagħtet ċirkulari nhar it-23 ta' Settembru 2024, li qed tiġi annessa ma' din ir-risposta u mmarkata bħala Dok '1'.

Peress, kif spjegat hawn fuq, l-Onor. Schembri jaqa' direttament taħt ir-responsabbilità tal-Kap tal-iskola, għall-mistoqsija numru viii. ntalbet l-informazzjoni lis-Sinjura Portanier Mifsud li hija l-Kap tal-iskola fejn huwa assenjat l-Onor Schembri. Fir-risposta tagħha l-Kap tal-iSkola ndikat li kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Onor. Schembri fuq l-attendenza u annettiet minuta ta' din il-laqgħa (Dok '4'). Qiegħed nikkwota dak li ġie provdut mill-Kap tal-iskola f'Dok '4': "*He refused to record the times on timesheets, as he said it is not fair on him as a public figure. If he informs regularly (during every weekend) Ms Haber which lessons he will be attending for during the week, he feels that it would be enough if he signs.*" Qed nannetti t-tweġiba tal-Kap tal-iSkola kif ukoll dokumenti li pprovdiet bħala Dok '2', Dok '3', Dok '5', Dok '6'.

Jekk l-Uffiċċju tiegħek ikun irid iktar informazzjoni jew assistenza, l-Uffiċċju tiegħi dejjem lest li jikkollabora.

Matthew Vella
Segretarju Permanenti

Anness : Dok'1' - Ċirkulari
Dok '2' - Email tas-Sa. Portanier Mifsud bl-ispjega u t-tweġibiet tagħha
Dok '3' - Attendenzi
Dok '4' - Minuta ta' laqgħa li kienet saret bejn il-Kap tal-iSkola, l-Assistent Kap u s-Segretarja flimkien mal-Onor. Schembri propju dwar l-attendenza
Dok '5' - Emails tal-Onor. Schembri jinforma lill-Assistent Kap meta se jkun preżenti għax-xogħol jew le
Dok '6' - Korrispondenza bejn l-Assistent Kap u l-Onor. Schembri dwar special leave minħabba attivitajiet politiċi
Dok '7' - Kwotazzjoni mill-PSMC li kkwota l-Onor. Schembri fil-korrispondenza mmarkata bħala Dok '6'

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH
RESEARCH AND INNOVATION
DIRECTORATE FOR HUMAN RESOURCES

006

Dokument Ċ1

**CIRCULAR**

Ref: *DGPM/07/2024*

From: Mary Scicluna, Director General - People Management

To: *Directors General / Chief Information Officers*
*Heads / Directors / Assistant Directors*
*Heads College Network*
*Heads of State Schools / Education Officers / Heads of Department*

Subject: Attention to - Directive 5: Political Participation and Communication with the Media

Date: 23rd September 2024

---

Bringing to your attention Directive 5 on Political Participation and Communication with the Media, attached with this circular.

Amongst other areas, this directive regulates political participation by public officers with a view to reconciling the political impartiality of the Public Service with the personal rights of public officers and regulates communications with and through the media by public officers.

Moreover, all public officers need to ensure that they act with propriety at all times. Therefore any participation in political activities as is allowed in terms of this Directive must not bring them into conflict with their primary duty to serve the Government of the day.

In view of this, absences for political activities during office hours need to be deducted from the vacation leave entitlement or from the special leave in case of teaching grades. Section 3.2. on this matter is being reproduced hereunder.

*3.2 "… If they are only required to attend to party matters outside working hours and only occasionally are they required to attend to such duties during working hours, then these officers may opt to avail themselves of their vacation leave entitlement or requested temporary leave of absence on unpaid leave but in this case, not on grounds of public policy to cover the political activity during working hours. The granting of temporary leave of absence is always to the exigencies of the service."*

Please ensure adherence to this directive.

**Ms Mary Scicluna**
**Director General**
**People Management**

t + 356 2598 2493 e mary.a.scicluna@gov.mt | www.education.gov.mt

**Zammit Dennis 1 at MFHEA**

| | |
|---|---|
| **From:** | Dorianne Portanier Mifsud <dorianne.portanier.mifsud@ilearn.edu.mt> |
| **Sent:** | It-Tnejn, 6 ta' Jannar 2025 09:17 |
| **To:** | Borg Saliba Ritianne at MEYR |
| **Cc:** | Zammit Dennis 1 at MFHEA |
| **Subject:** | Re: -Talba għal evidenza skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika |
| **Attachments:** | JS.zip |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Ms Borg Saliba,

Trust this email finds you well and hope that you enjoyed the festive season.

With reference to the below email, kindly find attached the following documents as requested:

1. Attendance sheets up to the 20th December 2024
2. Emails Justin Schembri sent to Ms Rodianne Haber, Deputy Head in charge of special leave (see attached JS emails)

As regards to the questions, the following are my replies:

*Int mitluba tagħtina l-informazzjoni li ġejja: Tgħidli jekk jeżistix kwalunkwe arranġament ieħor, formali jew informali, bejn l-Onor. Schembri u l-post tax-xogħol tiegħu fir-rigward tal-attendenza tiegħu in vista ta' impenji li jista' jkollu rilatati max-xogħol parlamentari jew politiku tiegħu .*

I confirm that there were never any formal or informal arrangements between the Hon. Schembri related to the work attendance, in view of his political commitments or work related to parliament.

*Dan l-uffiċju jixtieq ikun infurmat ukoll jekk sal lum -il ġurnata, l-Onor Schembri ġiex imwiddeb dwar nuqqas ta' presenza tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Jekk iva, int mitluba tibgħatli l-evidenza kollha.*

On the 15th November, I had verbally told him, in the presence of one of my deputy heads and one of the clerks about the importance of signing the exact time in and time out on the attendance sheet (see attached document named 15th November, which I had minuted to keep a record).

Following this, when he had sent an email to Ms Haber on the 17th December where he told her specifically the time he would be coming to school. Ms Haber asked him to fill in the special leave form and he refused (see attached named JS 17th December email also the picture he sent with a screenshot from manual on special leave)

I hope that the information provided is useful. Should you require anything else do not hesitate to communicate with me.

Best Regards,
*Doriann*

Doriann Portanier Mifsud
B.Ed. (Hons), M.A. Educational Leadership & Management.
Head of School

St Nicholas College
Kan. P. Pullicino, Middle School,
Rabat, Malta
--------------------------------
Il-Kulleġġ San Nikola

Skola Medja, Kan. P. Pullicino,
Ir-Rabat, Malta

snc.rabat.ms@ilearn.edu.mt
25988300

---

**From:** Borg Saliba Ritianne at MEYR <ritianne.borg-saliba@gov.mt>
**Sent:** 03 January 2025 14:02
**To:** Dorianne Portanier Mifsud <dorianne.portanier.mifsud@ilearn.edu.mt>
**Cc:** Zammit Dennis 1 at MFHEA <dennis.zammit.1@mfhea.mt>
**Subject:** -Talba għal evidenza skont l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika

Għażiża Sa Portanier Mifsud

Qed niktiblek b'referenza għal investigazzjoni li għaddejja mill-Kummissarju Għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar l-Onor. Justin Schembri, li hu għalliem fl-iskola Medja tar-Rabat.

Int mitluba tipprovdi lil dan l-uffiċju l-informazzjoni **kollha** dwar l-attendenza tal-Onor Schembri, u allura l-attendenza tiegħu matul din is-sena skolastika.

Barra minn hekk, int mitluba tagħtina l-informazzjoni li ġejja: *Tgħidli jekk jeżistix kwalunkwe arranġament ieħor, formali jew informali, bejn l-Onor. Schembri u l-post tax-xogħol tiegħu fir-rigward tal-attendenza tiegħu in vista ta' impenji li jista' jkollu rilatati max-xogħol parlamentari jew politiku tiegħu .*

Dan l-uffiċju jixtieq ikun infurmat ukoll jekk sal lum -il ġurnata, l-Onor Schembri ġiex imwiddeb dwar nuqqas ta' presenza tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Jekk iva, int mitluba tibgħatli l-evidenza kollha.

Infakkrek li int m'intiex il-persuna li qed tiġi investigata mill-Uffiċju tal-Kummissarju u alura qed tintalab tipprovdi din l-informazzjoni fil-kapaċità ta' xhud.  Nuqqas ta' koperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skont kif tipprovdi l-liġi.

L-informazzjoni li qed tintalab lilek permezz ta' din l-imejl trid tasal għandi sa nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar 2025, sal 10 ta' filgħodu.

Tislijiet

Ritianne Borg Saliba
Director General
Office of the Director General
Educational Services Department

e ritianne.borg-saliba@gov.mt
[www.education.gov.mt]www.education.gov.mt | [www.publicservice.gov.mt]www.publicservice.gov.mt | Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation
fb.com/servizzpubbliku

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

GREAT SIEGE ROAD,
FLORIANA, MALTA

15th November, 2024

Following meeting with Ms Mifsud (College Principal) and Ms Marianne on the 14th November regarding signature and times in and out on School Attendance Sheets, I have spoken to the Hon. Justin Schembri upon arrival to school on 15th November. In front of Ms Haber and Ms Marianne I told him that it is important to record the time in when he arrives at school and the time out when he leaves the school for the required Parliamentary Duties as the shadow minister for Education in Malta.

He refused to record the times on timesheets, as he said it is not fair on him as a public figure. If he informs regularly (during every weekend) Ms Haber which lessons he will be attending for during the week, he feels that it would be enough if he signs. **He said that he will start to only sign and will not write time in and out**. He also stated that he has a message on whatsapp that he does not need to sign time in and out. I asked him to send me an email that he is excused from doing so and he said message is only on whatsapp.

Following this, on the day he signed and wrote the time in and time out.

Outlook

**Re: Tomorrow and Thursday**

**From** Justin Schembri <justin.schembri@ilearn.edu.mt>
**Date** Fri 20/12/2024 10:39
**To** Rodianne Haber <rodianne.haber@ilearn.edu.mt>
**Cc** Dorianne Portanier Mifsud <dorianne.portanier.mifsud@ilearn.edu.mt>

1 attachment (64 KB)
1000127016.jpg;

Dear Ms Haber,

Kindly be notified that this is generic.

I am a Member of Parliament serving as Shadow Minister for Education, hence regulated by the attached, taken from the Manual on Special Leave.

Justin

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

---

**From:** Rodianne Haber <rodianne.haber@ilearn.edu.mt>
**Sent:** Thursday, December 19, 2024 8:09:47 AM
**To:** Justin Schembri <justin.schembri@ilearn.edu.mt>
**Cc:** Dorianne Portanier Mifsud <dorianne.portanier.mifsud@ilearn.edu.mt>
**Subject:** Re: Tomorrow and Thursday

Dear Mr Justin Schembri

Kindly fill in the special leave form as per directive 5 (attached) for yesterday and today.

Thanks,
Rodianne

---

**From:** Justin Schembri <justin.schembri@ilearn.edu.mt>
**Sent:** Tuesday, December 17, 2024 19:07
**To:** Rodianne Haber <rodianne.haber@ilearn.edu.mt>
**Subject:** Tomorrow and Thursday

Dear Ms. Haber,

Kindly be advised that tomorrow I shall arrive at school by 11:00 and on Thursday by 09:30/10:00, due to political commitments.

Thank you.

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

## Conditions

- Public officers who resume duties from electoral leave in terms of the Members of Parliament (Public Employment) Act, may be released from their duties as public officers in order to attend activities related to House business, irrespective of whether these activities are held in or outside the House (e.g. attendance for Committee meetings, travelling abroad on parliamentary delegations, attendance for official events which are related to their role in Parliament etc.). However, elected public officers should not be released in order to attend to their constituency.

# Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onor. Justin Schembri

Każ: K/070

Data: 25 ta' Frar, 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW

Hon. Justin Schembri MP - JS
Dr David Bonello, Avukat - AV

---

JA: Jekk tħossok skomdu b'xi domanda, insomma għandek l-avukat miegħek, eh ħu l-parir tiegħu, jew insomma jekk tħossok inti stess għidilna naraw kif nistgħu nsolvu l-problema, imma m'għandux ikun hekk ta'.

JS: Ma, ma jidhirx illi se jkolli bżonn l-assistenza-

JA: Imma obbligat -

JS: L-assistenza

JA: Imma obbligat infehmek minn qabel sewwa.

JS: Iva. Le, jiena lil Dr Bonello ġibtu miegħi minħabba li jiena m'għandix hmm eh, esperjenza legali -

JA: Le,le għandek kull dritt, għandek kull dritt.

JS: Imma  fir-realtà m'għandi l-ebda problema

JA: Ġieli, ġieli , jkollna xhieda jġibu, jġibu l-avukat magħhom iġifieri, by all means u -

Mela l-Onorevoli eh, Justin Schembri aħna sejjaħnieh aħna lill-Onorevoli?

SPW: Iva.

JA: Msejjaħ mill-Kummissarju bil-ġurament mela jgħid. Aħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa, hekk Alla jgħinek.

Mela, inti , inti għalliem hux hekk, il-professjoni tiegħek hija għalliem -

JS: Iva.

JA: Tgħidilna liema skola tgħallem u x'suġġett, jekk għandek xi suġġett partikolari.

JS: Tajjeb, bħalissa qiegħed stazzjonat fl-iskola medja tar-Rabat, skola statali, u ngħallem is-suġġett tal-Malti fil-livell ta' year 7 u year 8.

JA: Sewwa. Iġifieri hmm, biex nifhmek jien, li jien xiħ, skola sekondarja konna ngħidulha.

JS: Skola sekondarja minħabba li llum huma maqsumin-

JA: Sewwa.

JS: -Hmm, eh għandek il-form 1 u form 2s, għalihom

JA: Sewwa.

JS: -Year 7 u Year 8, u imbagħad il-form 3, form 4 u form 5 qegħdin skejjel separati.

JA: Iġifieri tgħallem il-form, li kienu qabel jissejħu form 1s u form 2stgħallem -

JS: Hekk hu, ngħallem fi skola tilqa' ġo fiha l-istudenti ta' year 8, eh year 7 u 8.

JA: U l-iskola tar-Rabat qed tgħid hux hekk?

JS: Skola tar-Rabat bħalissa iva.

JA: Sewwa. Issa kif inhu mqassam ix-xogħol tiegħek għax la għandek suġġett naturalment ma jkollokx il-filgħodu kollu per eżempju, bħal min jgħallem il-primarja.

JS: Iva.

JA: Ikollok is-suġġetti, il-ħinijiet -

JS: Hekk hu

JA: Skond il-timetable tat-tfal.

JS: Hekk hu. Bħal kull għalliem illi jgħallem fil-livell Sekondarju, ma jkunx hemm contact hours fissi mit-tmienja ta' filgħodu sas-sagħtejn imma jkun hemm ovvjament it-timetable u inti tidħol fil-klassijiet u tagħmel il-lezzjonijiet illi jkunu assenjati

JA: Assenjati lilek.

JS: -lilek.

JA: Iġifieri x'inhuma l-ħinijiet tax-xogħol normali?

JS: Il-ħinijiet tax-xogħol normali huma, il-lezzjonijiet jibdew mit-tmienja u jibqgħu għaddejjin sas-sagħtejn u sitt minuti, sas-sagħtejn fir-realtà.

JA: Sewwa. Eh, issa minħabba li inti Membru Parlamentari illum il-ġur -, issa ilek minn 2022 sewwa?

JS: Hekk hu

JA: Membru Parlamentari, kellha tiġi aġġustata b'xi mod it-timetable tiegħek, fir-rigward tal-klassijiet li jkollok tieħu inti?

JS: Hekk hu, fil fatt eh, l-ewwel eh, l-ewwel stanza meta jiena tlajt fil-Parlament kont għadni fl-iskola attwali u jiena kont tlabt illi nibqa' f'dik l-iskola sakemm tgħaddi s-sena skolastika għax ovvjament kelli studenti illi kienu anka sejrin għall- O level u kont qiegħed nippreparahom eċċetera, imbagħad meta ntbgħatt ir-Rabat, u qiegħed ngħid intbgħatt ir-Rabat għaliex ehm is-sistema edukattiva l-għalliema jaħdmu bis-seniority. Iġifieri inti tapplika biex tmur ġo skola u ovvjament iżżomm is-seniority tiegħek u tingħata dak l-ingaġġ jekk kemm il-darba jkun imissek inti. Ovvjament jiena ma applikajtx biex immur ngħallem l-iskola tar-Rabat imma ntbgħatt mill-, mid-direttorat, mid-dipartiment għaliex kien hemm spazju ta' ħames lezzjonijiet illi riedu jiġu mimlija kien hemm

għalliem illi, għalliema jidhirli illi kienet telqet għal xi raġuni jew oħra u jiena ntbgħatt hmm, fil-bidu tas-sena skolastika -

JA: Ta' wara.

JS: -Li għaddiet ma bdejthiex mill-bidu, hmm biex nimla dak l-ispazju vakanti.

JA: Sewwa, jiġifieri t-tfal li qed tgħallem illum ma tippreparahomx għall-O level bħal dawk sewwa?

JS: Le, u t-tfal li ngħallem illum huma tfal ġodda għax l-oħrajn kienu year 8 illi telqu u marru ġo skola oħra.

JA: Naturalment. Jinbidlu naturalment.

JS: Hekk hu.

JA: Eh sewwa, issa apparti xogħol parlamentari, iġifieri meta ngħidu xogħol parlamentari qed nitkellmu fuq is-seduta tal-Parlament?

JS: Mhux biss u.

JA: Le , le għalhekk dik li, id-domanda għalhekk ġejja , iġifieri għandek is-seduta tal-Parlament u tal-Kumitati tal-Kamra. Apparti dawk qed ngħid, ikollok xi, ikollok attivitajiet oħrajn relatati direttament max-xogħol tiegħek ta' deputat?

JS: Hekk hu. Aktar milli hi  relatat max-xogħol tiegħi bħala deputat, relatat max-xogħol tiegħi bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni .

JA: Ukoll ukoll, sewwa.

JS: Illi huwa wieħed mill-ikbar portafolli illi wieħed jista' jkollu fil-Parlament. Ovvjament wieħed irid jirrikonoxxi li jiena bħala kelliem, Shadow Minister, sejjaħlu li trid ta' portafoll enormi, niltaqa' ma' numru kbir ta' nies illi b'xi mod jew ieħor ikunu qegħdin jagħtu informazzjoni lill-Oppożizzjoni mhux lili, lill-Oppożizzjoni sabiex inkunu nistgħu nużawhom f'dibattiti eċċetera. Ovvjament ikun hemm stediniet kontinwi fejn jiena nkun mistieden immur inżur skejjel, fejn jiena nkun mistieden nattendi konferenzi, laqgħat oħrajn eċċetera, illi b'obbligu lejn l-irwol parlamentari tiegħi bla dubju inħoss illi għandi nattendi ladarba inkun qiegħed nagħmlu fil- eh, kamp tiegħi bħala Shadow Minister u mhux bħala membru parlamentari, distrett 1 biex niftehmu. Fil-fatt naħseb anka bħal ma tista' tikkonferma int mill-investigazzjoni preliminari li bdejtu, ma kien hemm ebda istanza fejn jiena kont qiegħed fil-kostitwenza tiegħi waqt il-ħinijiet tax-xogħol nagħmel dak illi jispeċifika b'mod ċar u tond li ma tistax tagħmel il-PSMC. Iġifieri kull darba illi jiena kont imsejjaħ b'mod formali biex nattendi bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni jiena attendejt għaliex dak huwa fl-obbligu tiegħi bħala Membru Parlamentari.

JA: Issa jekk u tista' tiġri naħseb faċilment din, jekk jgħidulek isma' ejja l-ġimgħa dieħla għandna forum fuq l-edukazzjoni u jikklaxxjalek ma' xi lecture li suppost tagħti inti, heqq kif tirranġa b'dak il-mod? Naħseb tinqalalek din il-problema.

JS: Iva ġrat hmm u ovvjament ladarba jiena, mela ħalli, ħalli npoġġu l-istanzi tajjeb? Iġifieri jekk ikun hemm laqgħa fejn jiena nkun qiegħed nintalab hmm biex issir laqgħa minn childcare għall-argument, jew inkella inkun se nżur skola, ġeneralment nipprova nirranġa sabiex il-ħinijiet ma jaħbtux -

JA: Naturali, tista' tirranġa inti -

JS: - mal-lezzjonijiet tiegħi.

JA: Imma ġieli, imma ġieli

JS: Imma ġieli ma nkunx nista'.

JA: Eh sew.

JS: Ovvjament hemm hmm, ninforma lill-iskola u nitlob illi jkolli cover u ladarba għandi klassi żgħira b'kontenut illi huwa aġġustabbli ħafna, nagħmel minn kollox biex dawk il-lezzjonijiet illi jkunu ntilfu nerġa' nirkuprahom fil-lezzjonijiet ta' wara. Qiegħed ngħidlek hekk għaliex għandi grupp ta' studenti li huwa inqas minn 10, huma kollha barranin allura s-sillabu mhuwiex is-sillabu fiss dak li jiġi f'moħħna tradizzjonalment u allura huwa aġġustabbli ħafna għax fl-aħħar mill-aħħar hemm ammont ta' xogħol illi jrid isir u ammont ta' xogħol li jista' jsir over and above fuq dak illi jsir u sa issa irnexxieli nkampa tajjeb ħafna hmm billi rkuprajt lezzjonijiet illi nitilfu minħabba ovvjament l-irwol tiegħi bħala Shadow Minister.

JA: Iġifieri l-istudenti tiegħek kollha, kollha barranin? Għax tiskantani biha din.

JS: Iva ta'  iva għaliex hmm fis-sistema tal-lum għandna lezzjonijiet illi huma Maltese for foreigners –

JA: I see.

JS: -Illi fihom ikollok studenti barranin illi inti tgħallimhom -

JA: Eh nimmaġina għax hawn ħafna tfal barranin u jiġifieri = .

JS: Hekk hu, hekk hu.

JA: Imma li jkollok klassi sħiħa u ma naħsibx li huma ta' l-istess nazzjonalità?

JS: Le, u mbagħad hemmhekk tibda' l-uġigħ ta' ras hux vera.

JA: Ahh. Hehe.

JS: Iġifieri fejn ikollok studenti li ġejjin mid-dinja Għarbija għandek vantaġġ -

JA: Iva iktar faċli, ija iktar faċli,

JS: Għax ovvjament tikkomunika magħhom, fejn ikollok asjatiċi jew eh oħrajn, illi ġejjin minn Skandinavja

JA: Anka Nordiċi hekk kont se ngħidlek

JS: Problema kbira.

JA: Insomma jiena l-mara tiegħi ex għalliema [unclear], issa ilha rtirata imma, kemm diġà kellha għaxar snin ilu -

JS: Imma qabel kienu jkunu direttament inklużi fil-klassijiet

JA: Ehe, ehe, fil-klassi

JS: Illum għandek il-klassijiet speċifiċi bir-rotot differenti jiġifieri skond il-livelli tagħhom ukoll.

JA: Mela issa eh, issa fuq il-ir-rassenja l-aħjar isaqsik l-Avukata għax hi l-iktar li nvestigat -

JS: Mhix problema

JA: U studjathom sew iġifieri

SPW: Sfortunatament għax fihom biċċa xogħol dawn. Mela aħna bgħatna kopja tat-timesheets -

JS: Għandi l-karta kollha quddiemi. Tajjeb.

SPW: Perfect. Hmm kopja ta' din it-tabella li għamilna aħna, internally. Mela, issa forsi l-aħjar immorru, paġna, paġna u naraw l-attendenza tiegħek jew le, nibdew minn Settembru. Mela, hmm l-ewwel ġurnata, l-ewwel jumejn qed naraw hmm, tidħol skond it-timesheet fis-7.30am u toħroġ fill-11.30am. Hmm tista' forsi tispjegalna għalfejn?

JS: Għalfejn x'hiex?

SPW: Tlaqt fil-11.30am?

JS: Dawk kienu l-ewwel jumejn ta' skola u l-iskola spiċċat fil-11.30am

SPW: Sewwa, ok. Mela skond ir-rassenja suppost l-għalliema kollha joħorġu f'dak il-ħin.

JS: Iva.

SPW: Bejn wieħed u ieħor ok.

JS: Fil-fatt dawk huma l-ewwel jumejn preparatorji li lanqas ikun hemm lezzjonijiet.

SPW: So l-istudenti lanqas jidħlu l-iskola.

JS: No, no, no.

SPW: Ok. Mela nkomplu hmm nhar l-Erbgħa 25, qed naraw li dak inhar inti bgħatt email fejn hmm innotifikajt l-iskola li kont se tkun assenti għall-perjodu -

JS: Qegħdin nitkellmu fuq il-25 tax-xahar?

SPW: Hekk hu.

JS: Iva.

SPW: Tajjeb. U imbagħad-

JS: Issa biex inkun qiegħed ma jimpurtax fil-eh fin-notamenti f'dik is-sheet illi bagħat inti –

SPW: Iva.

JS: - Hemm diversi nuqqasijiet if I may call them nuqqasijiet. Għaliex kien hemm stanzi fejn jiena infurmajt imma mhumiex qegħdin imniżżlin hemmhekk.

SPW: Sewwa, aħna bażikament li għamilna konna bgħatna wkoll lista ta' screenshots -

JS: Iva.

SPW: Those correspond basically to those screenshots so if we do not have a screenshot -

JS: Mhux eżatt ta' hemm , hemm xi, hemm xi -

SPW: Sew

JS: Inkonsistenzi

SPW: Ok.

JS: Minimi imma

SPW: Alright, ok.

JS: Imma qegħdin hemm hekk.

SPW: Ok. So bażikament inti qed tgħid għal dawk il-ġranet fejn aħna m'għandniex imniżżlin in-notifiki tal-assenza-

JS: Iva, iva.

SPW: - Inti għandek screenshots sħiħa jew emails min-naħa tiegħek

JS: Le l-istess email, emails li qegħdin hemm hekk ta. L-istess emails illi għandek inti.

SPW: So inti m'għandekx eh emails oħrajn minbarra dawn-

JS: Le, le,le, le. Iġifieri bħalma anka l-Kummissarju jispjega fil-eh, fl-ittra annessa illi bagħat qabel inkluda d-dokumenti kollha -

SPW: Sew.

JS: Il-Kummissarju jgħid illi bħala hmm bħala prassi jiena nibgħat email lill-assistenta kap tal-iskola il-Ħadd filgħaxija u nkun qiegħed ninfurmaha bil- eh, bil-ġimgħa li jmiss bl-appuntamenti li ovvjament inkun naf bihom bil-quddiem.-

SPW: Sewwa.

JS: -Però bħal ma spjegajt aktar kmieni, nipprova dejjem, dejjem l-ewwelnett li jkollok konferenza tkun taf biha minn quddiem, eh hmm f'dawk l-istanzi li jinqalgħu u li jiena ma nkunx nista' nagħmel mod ieħor ninforma bħal ma infurmajt fl-ewwel tlett ijiem hmm tal-iskola fl-ewwel ġimgħa minħabba li dika tkun ġimgħa turbulanti ħafna għall- eh għall- eh, kemm għall-Ministeru tal-Edukazzjoni u kemm ovvjament għalija bħala Shadow Minister illi rrid insegwi dak kollu li jkun għaddej.

SPW: Sewwa. Issa -

JS: Skużani waqaftek mill-mistoqsija pero'.

SPW: Don't worry. Hemm ċerti affarijiet li joħorġu mir-riċerki tagħna li huma per eżempju, fis-27 ta' Settembru, jidher dan naħseb kien fuq Facebook li kien hemm żjara li għamiltu bħala Partit eh il-Junior College, u fuq it-time sheet inti normalment tindika stilla, 'asterisk'li se tieħu 'political leave'. Hmm per eżempju f'dal każ, mela inti qed tgħid li tieħu leave hmm in konnessjoni ma' xogħol parlamentari tiegħek jew political leave li huwa xi tip ta' leave ieħor?

JS: Mela, il-eh eh l-ewwelnett iż-żjara ma kinitx politika, imma ż-żjara kienet fil-kapaċità tiegħi bħala Shadow Minister għall-Edukazzjoni. Iġifieri l-istedina kienet waħda formali u jiena attendejt bħala Shadow Minister.

SPW: Sewwa.

JS: F'istanzi preċedenti, qabel ma jiena kont membru Parlamentari, meta kien hemm tali żjajjar, jiena dejjem ħadthom bħala special leave minn tiegħi personalment. Iġifieri nista' nirrelata d-differenza bejn qabel l-2022 u issa. Il-, eh political leave, u l-asterisk dik hija prassi illi ilha qed tiġi addottata minn meta jien mort ir-Rabat. Iġifieri kien hemm ġranet fejn jiena kelli bżonn siegħa, kelli bżonn nofs siegħa kien hemm anka ċirkostanzi fejn jien dħalt ix-xogħol filgħodu, ħriġt fis-2 pm u kien hemm mumenti fejn throughout the day, jiena ħriġt biex nagħmel telefonati a bażi mal-irwol parlamentari tiegħi. Kien hemm ukoll video calls illi saru fil-karozza. Il-problema hi illi jiena Shadow Minister tal-Edukazzjoni f'binja tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Privatezza m'għandi xejn, spazju fl-istaff room m'għandix, u allura jiena nomadu ġo skola . U allura wieħed jifhem u jirrikonoxxi li fl-aħħar mill-aħħar jiena għandu rwol kostituzzjonali, apparti li għandi l-impjieg tiegħi mal-Ministeru, sensittiv ħafna, għaliex jiena Shadow Minister tal-Ministru illi qiegħed jimpjegani, u kull darba li jiena kelli bżonn l-ispazju tiegħi ħriġt sabiex nagħmel telefonati jew inkella ħriġt biex ikolli laqgħat eċċetera, bħal ma semmejna laqgħat konferenzi, eċċetera, fil-perjodu tal-ħin tax-xogħol u dħalt lura u dejjem ġiet immarkata bħala asteriska u mniżżla political leave.

SPW: Mela -

JS: Issa

SPW: Biex inkunu ċari, hmm l-asterisk u l-political leave dawk, inti ma timlihomx, xi ħadd mill-administration qed jagħmel il-kummenti hawnhekk, hekk fil-kolonna remarks?

JS: Il- kolonna remarks ġieli tkun mimlija minn mill-amministrazzjoni, is-segretarja jew hekk, jew ġieli nkun qiegħed qed nimlihom jiena. Issa ħafna drabi jikkorrispondu mal-emails li nkun bagħtt fejn ma jikkorispondux u jkun hemm l-asterisk u jkun hemm okkażjonijiet fejn jiena ħriġt f'mument fejn ma affetwajtx il-lezzjoni jew inkella ħriġt f'mument fejn jiena għamilt telefonata, video call whatever u erġajt dħalt lura. Però kull darba li jiena ħriġt minn ġo l-iskola, mhux biex immur nixtri l-lunch fil-break, kull darba li jiena ħriġt mill-iskola minħabba duties politiċi relatati mal-irwol parlamentari tiegħi jiena dejjem immarkajt l-asteriska tal-political leave. Din hija prassi illi saret mill-ewwel ġurnata illi jiena mort ir-Rabat, u qatt ħadd ma kellu oġġezzjoni għal din. Meta qiegħed ngħid ħadd qatt, la l-Permanent Secretary , la People Management mill-HR, la l-Prinċipal, la l-kap tal-iskola u lanqas l-assistent kap. Din bdiet tiġi investigata la darba nfetaħ l-ilment fil-konfront tiegħi, iġifieri fil-perjodu kollu qatt ma kien hemm dubju dwar il-movimenti tiegħi relatati mal-irwol parlamentari tiegħi minn hemm.

CP: Iġifieri f'dan il-każ, meta qed ngħidu il-Ġimgħa 27 ta' Settembru, eh-

JS: Il-Ġimgħa 27 ta' Settembru ippermettili ftit -

AV: Meta mort il-Junior College qed ngħidu hux hekk?

JS: Iva , iva, iva.

CP: L-assenza tiegħek li qiegħda immarkata bl-asterisk

JS: Mela ħa nsib

CP: fuq it-time sheet m'għandhiex x' taqsam maż-żjara għal Junior College jew le?

JS: Ħa nara, ippermettili sekonda ta' ħa nsib il- eh, mela aħna qegħdin ngħidu, mela is-27 ta' Settembru hux hekk, iva? Kien hemm iż-żjara fil-Junior College, jiena bgħatt l-email hmm il-Ħadd, jiġifieri l-Ħadd 22 ta' Settembru, biex ninforma illi jiena se nkun qiegħed on parliamentary duties, u l-mistoqsija tiegħek jekk jogħġbok Dott kienet?

CP: Jekk l-assenza tiegħek kellhiex x'taqsam ma' din iż-żjara jew immarkata tal-Junior College.

JS: Iva, iva, iva.

CP: Li qed tidher fuq Facebook.

JS: Iva, iva, iva , iva.

CP: Iva, alright.

JS: Iva. U nerġa' ntenni illi jiena kont qiegħed hemmhekk mhux bħala membru parlamentari biss, imma kont qiegħed hemm hekk bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni, iġifieri dak kien avveniment relatat direttament mal-kariga tiegħi Parlamentari

CP: Ok.

SPW: Tifhem hija kemmxejn diffiċli a bażi ta' time sheet limitata ħafna li tirrifletti kull darba li toħroġ u tidħol -

JS: Jimporta noħodlok daqsxejn ilma jekk jogħġbok?

JA: Iva, mela le.

SPW: Jekk nieħdu per eżempju eh nhar il-Erbgħa 2 t'Ottubru,

JS: Issa ovvjament it-timesheet limitata, hi li hi hux hekk.

SPW: Dik hi. Però jekk nieħdu per eżempju nhar l-Erbgħa 2 t'Ottubru, fejn tindika li dħalt fuq it-timesheet, so tiffirma-

JS: Mela nhar l-Erbgħa ippermettili ftit

SPW: Mela le, page 2.

JS: 2 t'Ottubru, iva ehe.

SPW: Time in 7.30am, time out hmm inti m'indikajtx time out.

JS: Iva.

SPW: Hmm, l-istess, stilla, political leave hmm u li, indunajna aħna, kien hemm konferenza stampa li għamiltu l- MCAST però barra minn dak kien hemm ukoll coffee morning tiegħek tal-kostitwenza.

JS: Iva.

SPW: Hemmhekk ovvjament hemm kemmxejn ta' diskrepanza fis-sens li, ok tindika, li qed tieħu political leave però dak, b'mod ċar jindika li kien hemm, jew skoprejna aħna, li kien hemm attività tal-kostitwenza. X'tista' tgħidilna fuq din l-attività' tal-?

JS: Jiena l-iktar ħaġa li tweġġani f'dan il-każ kollu hu, illi l-informazzjoni li ingħatat lil dan l-uffiċju hija selettiva. Iġifieri dak inhar ta' 2 t'Ottubru 2024 meta jiena kelli attività tal-kostitwenza, kelli l-ispecial leave illi ttieħed direttament mil-leave personali tiegħi minn dawk il-31 siegħa, u nista' ngħaddilek din il-kopja hawnhekk jien immarkjata bħala number 1. Iġifieri-

CP: Special leave.

JS: Special leave iġifieri li by the way, f'ċirkostanzi fejn jiena ktibt time hmm -

SPW: Time off.

JS: Time off, għax qabel konna nsejħulu time off wara s-sectoral agreement ngħidulu special leave

SPW: Ehe.

JS: Iġifieri time off u special leave huwa l-istess u hawnhekk ħa ngħaddilek din il-karta

SPW: Yes please.

JS: Illi hemmhekk tispeċifika

AV: Le, Aqlagħha u -

JS: Iva skużani in-number one hija ta' dik il-ġurnata

CP: Mela hawnhekk qegħdin naraw 2 hours mill-10.10 sa' 12.10, 2 ta' Ottubru ,2024.

JS: U qiegħed ngħid sal-12.10 għaliex on Wednesday jiena ikolli dak li jissejjaħ afternoon off, u jiena nispiċċa skola fl-12.10.

SPW: Sewwa, ok.

JS: Issa kien hemm ċirkostanzi wkoll fejn hmm, jiena ma tlaqtx fl-12.10 bqajt hemmhekk u ħriġt anka fis-14.06 għaliex fir-realtà ma tagħmillix differenza .

AV Il-Kummissarju ħa jżommha din?

JA: Aħjar ikollna kopja fil-

CP: Nistgħu inżommuha jew fil-każ nagħmlu -

JA: Għandek -

JS: Idealment nagħmlu kopja jekk jogħġbok -

JA: Ok, ok.

JS: Għax dik hija l-unika kopja li għandi jiena. Ovvjament hemmhekk għandek miktub my copy għaliex l-iskola għandha l-kopja oriġinali.

CP: Ftehmna, mela nżommuhom separati u imbgħad nagħmluhom kopji fl-aħħar

JS: Mhix problema

CP: -nagħmlulek l-oriġinali -

JS: Mhux problema

SPW: You are preemptively another question hmm which eventually we'll get to it which is jekk inti żżommx rikordju tal-leave li tieħu, dawk is-special leaves -

JS: Iva, iva

SPW: - kollha li tieħu.

JS: Iva, iva. Fil-fatt hemm miktub kollox fit-timesheet illi qatt ma kelli problema jiena nispeċifika il-, il-mumenti ta' political leave, u naħseb illi jekk nistgħu hmm nispjegaw, nista' nispjega illi kien hemm okkażjonijiet ukoll, għaliex jiena fl-aħħar mill-aħħar jiena għalliem ilni sittax il-sena hmm u dejjem kelli hmm l-istudenti għal qalbi , li kien hemm ċirkostanzi li anka tlaqqa' parlament matul il-ġurnata u jiena kont qiegħed l-iskola, iġifieri ġejt il-Parlament, m'għamiltx mid-9.00 sal-12.00 imma mort lura l-iskola għax kelli lezzjonijiet illi kelli bżonn nikkaverjahom u allura tlaqt mill-Parlament kmieni biex immur nagħmel dawn il-lezzjonijiet. Jiġifieri inħoss illi hmm-

CP: Qegħdin nitkellmu fi żmien il-budget nissoponi -.

JS: Qed nitkellmu fi żmien il-budget iva.

SPW: U meta tgħid tikkaverjahom allura dawn ikunu klassijiet li mhumiex tiegħek jew ikunu -

JS: Le, le, tiegħi, huma tiegħi.

SPW: l-klassijiet -

JS: Klassijiet tiegħi

SPW: M'intix qed tikkaverja għal għalliem -

JS: No. Ġieli ikkaverjajt għalliema oħrajn, hmm kelli time table vasta relatata mal-eh mal-eżamijiet, kelli schedules tiegħi fil-ġimgħa tal-Milied fejn ikun hemm attivitajiet relatati mal-Milied, quddies, concerts eċċetera li wkoll għal darb'oħra dawka ma ntbagħtux lil dan l-uffiċċju, u allura donnhom qisni qed niġi mpinġi f'dell ikrah hmm fin-negattiv biss.

SPW: Hemm żewġ -

JA: Ir-rapporti li jkollna aħna hekk inkunu ta

JS: X'inhu?

JA: Ir-rapporti li jkollna hekk-

JS: Nista' nimmaġina , ifhimni ikollok affarijiet pożittivi hux vera.

SPW: Hmm-

JS: Le, bħal m'għidtilkom iġifieri qiegħed hawn hekk biex nagħti spjegazzjoni

SPW: Ehe.

JS: Għaliex ehe m'għandi l-ebda problema.

SPW: F'żewġ istanzi ndunajna b'xi ħaġa żgħira ħafna però qed ngħidu eh

JS: Dak inhar għaliex ma weġibtx fuq 2 t'Ottubru

SPW: Iva.

JS: Il-fatt illi jiena m'erġajtx iffirmajt lura, dak it-2 t'Ottubru kien ta' dik il-karta?

AV: Iva

CP: Iva.

JS: Hekk hu iġifieri hemmhekk jiena hmm probabbilment inkun ħriġt mill-iskola it-time sheet tinsab ġol-uffiċċju tal head of school, u meta jkun hemm eh ħruġ out of the normal times -

SPW: Sew

JS: Ikun hemm xi meeting, għaddej, again, being jien min jien ma nistax naqbad u nidħol biex niffirma waqt li jkun hemm meeting għaddej ta jiġifieri, il-probabbiltà hija dika ma ffirmajthiex bi żvista hmm għal dik ir-raġuni.

SPW: Hemm kemmxejn ta' inkonsistenzi l'hawn u l'hemm però, per eżempju insaqsik fejn qed naraw stilla m'hemmx rimarki, bħat-8 t'Ottubru.

JS: Iva, diġa' spjegajtlek u ħa nerġa' nirrepeti, iġifieri fi stanzi fejn ikun hemm hmm meta għidtli 8 t'Ottubru, meta jkun hemm, hmm, dik l-asterisk dik jiena nkun ħriġt mill-iskola biex għamilt xi telefonata jew inkella ikolli xi laqgħa illi ma tkunx ħabtet mal-lezzjoni

SPW: Sew.

JS: U allura eh jiena nkun ħriġt mill-iskola fil-perjodu eh tal-ġurnata u għalhekk tkun qiegħda imniżżla bħala political leave. Ovvjament tara r-rimarka m'hiex imniżżla jiġifieri.

SPW: ok.

JS: Jekk tħares lejn il-konsistenza tal, ta' kif ħdimna dejjem, dik hija political leave.

SPW: So min-naħa tal-

JS: Meta ngħid political, parliamentary ta.

SPW: -Min-naħa tal-SMT hmm il-kap, deputy head dawn jafu li inti qed tagħmel dawn l-affarijiet li inti qed toħroġ biex tieħu telefonata jew laqgħa?

JS: Iva nista' ngħaddilek din l-email jiena hmm fejn għal darb'oħra, l-amministrazzjoni għażlet li tkun selettiva, u din hija email illi ntbagħtet ħa nkun qiegħed naqra verbatim għar-recording, din hija l-email li ntbagħtet minn Dorianne Portanier Mifsud li hija l-Kap tal-iskola, intbagħtet nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru, 2024 lil Josephine Mifsud li hija l-Prinċipal tal-Kulleġġ . Kien hemm cc'jati ġo fiha lil Rodianne Haber li hija l-assistent kap, il-, eh u jiena. Meta qegħdin ngħidu l-assistent kap waħda mill-assistenti kapijiet illi hemm fl-iskola tieħu ħsieb il-leave eċċetra u din speċifikat hekk "Dear Ms Mifsud, kindly note that Ms Rodianne Haber in copy deputy head in charge of replacements and myself, would like to clarify information given regarding Mr Justin Schembri in copy. I have confirmed with both Ms Haber in copy and Mr Schembri himself, that he attends to school everyday and leaves when he has political duties according to the PSMC. Mr

Schembri sends an email to Ms Haber on a weekly basis to notify her of the lessons which would not be able to attend." Din intbagħtet nirrepeti fl-14 ta'Novembru, fil-ġurnata ta' wara l-Kap tal-iskola tikkontradixxi lilha nnifisha għaliex b'xi mod jew ieħor ġiet influwenzata mill-email li ntbagħtet mid-Direttur Ġenerali Ritienne Borg Saliba, illi fil-passat kien hemm rift bejniethom fil-kulleġġ San Ġorġ Preca tant illi Portanier Mifsud kellha titneħħa mil- eh eh minn skola ġol- eh, ġo San Ġorġ Preca u huwa evidenti biżżejjed illi bejniethom hemm problema illi qiegħdha tirrifletti hawn hekk għaliex b'xi mod jew ieħor ġiet influwenzata minnha.

SPW: Eh, hmm jekk jogħġbok nieħdu kopja.

JS: Mela le.

SPW: Tagħha wkoll. Ok, li nistgħu nikkummentaw żgur -

JS: Iva.

SPW: X'imkien ħa insib -

JS: Jekk tgħidli nista' nsibha ta'għaliex.

SPW: Hekk hu mela, jekk naraw il-Ġimgħa tat-28th October sal-1 ta' Novembru. Eh aħna nassumu li nhar il-Ġimgħa l-1 ta'Novembru, ma kellkomx skola -

JS: Iva.

SPW: Peres li ħadd ma ffirma ir-rassenja,

JS: Iva

SPW: Però, tinnota fil-ġenb hemm kumment presumably from admin or SMT -

JS: Yes.

SPW: Do not sign on days not here and write in red under remarks

JS: Iva.

SPW: Eh, dak kien kumment, eh fil-konfront tiegħek?

JS: Qiegħed miktub ħdejja però nimmaġina li huwa għalija minħabba jiena ffirmajt hemmhekk bi żball on Friday 1st

SPW: Sew.

JS: Hmm ovvjament żgur ma kontx qiegħed l-iskola Friday 1st iġifieri l-probbabiltà hi illi on the 31st iffirmajt hemmhekk però m'għandix spjegazzjoni għalfejn saret u ma niftakarx hmm x'ġara u ma ġarax. Issa il- eh in-notifika fil-ġenb, ma nafx meta saret eh probabbilment saret wara għaliex ovvjament ladarba tkun ingħalqet it-time sheet dik tinġabar mis-segretarja l-handwriting ma narafhiex, ma nafx ta' min hi, hmm so again ma nistax inwieġeb hemmhekk.

SPW: Ok. Mela ndunajna wkoll mir-riċerka tagħna li hemm diversi hmm attivitajiet per eżempju hmm fit-23 ta' Ottubru hemm din il-konferenza, Machines and Minds li inti kont -

JS: Fit-23 ta'?

SPW: Ta' Ottubru.

JS: Ta' Ottubru, iva.

SPW: Machines and Minds. So inti qed tgħid li għal attività bħal ma kienet din, inti tirċievi stedina formali fil-kun, minħabba l-irwol tiegħek ta' Shadow Minister, spokesperson?

JS: Dik hija tal-IFE if I recall, yes?

SPW: Iva.

JS: Iva bla dubju.

SPW: Alright so inti għandek x'imkien kopja ta' stedina formali li rċevejt -

JS: F'dak il-każ minħabba li kienet konferenza jew attività dejjem ovvjament ikun hemm -

SPW: Sewwa.

JS: Hmm stedina formali. Tal-IFE din kienet hux hekk?

SPW: Iva, l-istess I mean indunajna-

JS: Illi, illi biex inkun qiegħed ngħid kollox, hmm fil-maġġor parti tagħhom żgur tal-IFE, tkun endorsed mill-parliamentary secretary sorry mill-permanent secretary hmm sabiex tinħareġ dik l-istedina.

SPW: Ok, hemm affarijiet oħrajn li ndunajna, per eżempju hmm fid-29 ta' Ottubru,

JS: Ehe.

SPW: Kien hemm it-tnedija tal-Istrina Piggy Bank Campaign.

JS: Iva.

SPW: Nifhmu li hemm ċerti affarijiet, li mhumiex ħa jidhru b'mod ovvju fuq Facebook, bħall-ħinijiet li saru dawn-

JS: Iva.

SPW: -L-attivitajiet, per eżempju tista' tgħidilna eh fi x'ħin sar?

JS: BL-amment ma nistax ngħidlek, naf illi kienet filgħodu, jidhirli li din is-sena saret fil-Palazz ta' San Anton mhux tal-Belt u dik hija stedina uffiċjali mill-President tar-Repubblika ta' Malta.

SPW: Sewwa.

JS: Iġifieri żgur ma stednitx lil Justin Schembri bħala ċittadin.

SPW: Li nistgħu nagħmlu at some point, hmm nitolbuk li għal għal, dawn id-dati kollha fejn dehru li kien hemm ċerti attivitajiet, tibgħatilna kopja tal-istedina li rċevejt għal kull -

JA: Jekk għadhom għandek naturalment

JS: Iva, jista' jagħti l-każ ukoll illi jkun hemm oħrajn illi jiena ma nistax nagħti s-sors tal-laqgħat illi kelli. Bħal ma spjegajt aktar kmieni jiena qed nixxadowja lil wieħed mill-ikbar portafolji, niltaqa' ma nies illi saħansitra jkunu qegħdin imexxu aġenziji hmm tal-

Ministeru innifishom u ovvjament bl-ebda mod mhu ħa nkun qiegħed nikxef lil dawn in-nies illi ltaqgħu miegħi u għaddewli l-informazzjoni sabiex ovvjament inkun nista' nużaha. Hmm, li nista' ngħidlek huwa illi l-istediniet formali illi saru infittxhom u nkun qiegħed ngħaddihomkom la saru by email, qed nassumi li fil-maġġor parti tagħhom dawn nista' nerġa' nirkuprahom, eh eh u m'għandi l-ebda problema li jekk ittuni ftit żgħira żmien inkun nista' naghtihomkom ta'.

SPW: Ok. Again qed nassumi, għax qed nara data oħra, is-27 ta' Novembru again hemm coffee morning però din id-darba fit-timesheet eh

JS: 27th of November?

SPW: Hekk hu.

JS: Għax qegħdin bil-kontra dawn meta ġew, le rajtha inti? Yes, iva.

SPW: Again hmm rajna r-ritratti ta'coffee morning però hawnhekk qed qed naraw li għandek political vacation leave -

JS: Iva.

SPW: Parliament and time off. Għandek rikordju ta' dan l-ispecial leave please?

JS: Yes, mela eh, hmm mela dak jiġi , 27/11,

JA: Għadhom popolari l-coffee mornings iġifieri?

JS: Ifhimni hmm għall-ġenerazzjoni anzjana huma mportanti ħafna fir-realtà.

SPW: Sorry.

JA: Ta' żmieni he he

JS: Yes, hawnhekk qiegħed ngħaddilek il-kopja tat-time off, tal-special leave, illi ħadt on the 27th of November, it clearly states li mill-11.30am sal-12.10pm

AV: Kien Wednesday dak inhar ukoll?

JS: Kien Wednesday , iva ta', il-coffee morning dejjem Wednesday ħa jkunu ta'

AV: Għax taħdem nofsinhar hux hekk? Għax taħdem-

JS: Hekk hu, hekk hu u ovvjament il-, l-ispecial leave ikun hmm nieħu inqas minħabba li nuża dik is-siegħa differenza li jkolli.

SPW: Sewwa, jekk għandek eh kopji oħrajn ta' special leaves naħseb-

JS: Mela

SPW: Aħjar nieħdu kollox-

JS: Mela,

SPW: -U imbagħad we will work our way through.

JS: Iva.

CP: Fejn inti ħadt special leave iva ovvjament minħabba raġunijiet ta'

JS: Iva, iva, iva, issa hmm la qegħdin

CP: politika

SPW: M'għandniex bżonn dawn l-affarijiet personali tiegħek.

JS: Yes, yes, yes

JA: Għax

AV: Special leave for political reasons

JA: Jista' jkun ikollok ....

JS: Le ifhimni il-maġġor parti tal-affarijiet relatati mat-tifla dejjem tieħu ħsiebhom l-ex mara tiegħi, minħabba li għandha leave aktar flessibbli minn tiegħi, eh u allura m'għandi l-ebda problema ngħaddihomkom, din ma tgħoddx għalikom għax din ta' Jannar iġifieri din hija ġdida. Mela hmm, nixtieq hmm nagħmel referenza għal waħda minn dawn il-

SPW: Ehe.

JS: Il-, l-ispecial leave forms, hmm din tat-24th October tat-2024 .

SPW Sewwa.

JS: Iġifieri on the day hemmhekk il-Partit Nazzjonalista , l-Oppożizzjoni, kellha press conference illi jiena ma kontx il-main spokesperson. X'iġifieri? Aħna meta jkollna press conference ikun hemm il-main spokesperson u jkun hemm spokespersons oħrajn. Iġifieri, if I call for a press conference myself u allura tkun direttament relatata mal-portafoll li nixxedowja,[1] jiena nkun l-main spokesperson and I start it off. F'din l-okkażjoni, I was not the main spokesperson, kienet relatata mal-isptar tal-annimali però jiena għamilt l-imput tiegħi relatat mal-kors tal-veterinarji illi dik il-ħabta kellu problema u li kien għaddej minnha. So since I was not the main spokesperson, jiena ħassejt li għandi nieħu wkoll l-ispecial leave sabiex inkun kopert u ma nkunx qiegħed b'xi mod jew ieħor nidher illi qed nabbuża mill-, mill-political leave taħt il-parliamentary role tiegħi għaliex inħoss li ma kontx il-main spokesperson u allura hmm ħassejt illi għandi nagħmel hemm. Din hija 6/12, ma jidhirlix illi, probabbilment mit-8.30am sal-10.00am hmm ħa nipprova nsib 6/12-

SPW: Fil fatt tlabt it-time off però m'hemmx, xi nota min-naħa tagħna

JS: Yes, yes. Dawn nista' ngħaddihom qiegħdin innumerati bin-numbers wara xulxin ta'.

SPW: Sewwa.

JS: Grazzi.

SPW: So following on from that jekk nieħdu per eżempju eh hmm l-ewwel u tletin eh 31st t'Ottubru, fejn

JS: 31st October?

SPW: Hekk hu, nhar il-Ħamis, page 4.

---

[1] Hawnhekk l-Onor. Schembri qed jirreferi għar-rwol tiegħu bħala shadow minister.

JS: Iva.

SPW: Hmm aħna ndunajna li kien hemm attività li kienet tal-Partit, hmm mela inti qed tgħid illi inti kont preżenti -

JS: Imma ma kienitx tal-Partit ta'

SPW: X'kienet mela?

JS: Dik hija attività li fiha jiena ġejt mistieden bħala Shadow Minister biex nattendi f'attività organizzata mill- Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli

SPW: Sew.

JS: Ġol-iskola primarja ta' Ħad-Dingli ok

SPW: Sewwa, ok.

JS: Iġifieri iridu nagħmlu distinzjoni bejn dak illi huwa politiku, partiġġjan u bejn li huwa parlamentari.

SPW: Għaliex tifhem illi ħafna minn dawn l-affarijiet kienu per eżempju, hmm tlajtu l-campus tal-Università Għawdex, tal-Junior College Għawdex

JS: Iva

SPW: Bħala partit

JS: Le mhux bħala partit.

SPW: Sewwa.

JS: Le. Jiena kont qiegħed hemmhekk fi kapaċità tiegħi bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni.

SPW: I see.

JS: Iġifieri meta jiena kont għadni kandidat ma kontx membru parlamentari, tali attivitajiet jew kont nattendihom bi special leave jew inkella ma kontx nattendihom. Iġifieri ma naħsibx illi ħa nkun qiegħed immur hemmhekk sempliċiment biex ngħid mort hemmhekk.

SPW U again, f'dawn l-okkażjonijiet kellkom stedina?

JS: Kien hemm stedina żgur jew kien hemm, eh il-, ġew infurmati li ħa nkunu qegħdin immorru jista' jagħti l-każ, l-istedina ma tkunx saret minni, f'okkażjonijiet fejn ikun hemm il-kap tal-Oppożizzjoni Dr Bernard Grech, l-istedina x'aktarx tkun saret lilu

JA: Jew lill-Partit.

JS: Bħala Kap tal-Oppożizzjoni

JA: Jew lill-Partit naħseb hux hekk u mbagħad il-Partit jibgħat lilek?

JS: Iva imma ovvjament dak ikunu jridu delegazzjoni -

JA: Iva

JS: -Parlamentari.

JA: Iġifieri jista' jkun illi l-istedina jkun irċeviha -

JS: Jista' jkun ukoll iva

JA: Is-Segretarju Ġenerali per eżempju

JS: Jew is-Segretarja, is-segretarja tal-Kap tal-Oppożizzjoni

JA: Jew insomma, u imbagħad -

AV: Fil-verità qed nassumu Sur Imħallef -

JA: Skużi?

AV: -Qed nassumu jiġifieri

JA: Iva le nassumu.

AV: Jista' jkun fil-rwol tiegħu bħala Kap tal-Oppożizzjoni.

JA: Imma jiena nifhem li l-Kap tal-Oppożizzjoni f'dan il-każ,-

AV: Eżatt.

JA: -Jew il-Prim Ministru kieku min-naħa tal-Gvern, jekk jirċievi stedina li hu ma jistax jattendi jew iħoss li jkun hemm xi ħadd li jista' jirrappreżenta lill-Gvern jew, aħjar minnu -

AV: Eżatt. Mhux hekk

JA: Fis-sens li jkun speċjalizzat f'dak il-, f'dak it-tip ta' xogħol allura jibgħat lil ħaddieħor hu.

AV: Hekk hu.

SPW: Eh, u kien hemm naħsbu, okkażjonijiet oħra fejn per eżempju l-istedina ma ħarġitx mill-Entità jew mill-Università jew Junior College għall-argument, però hmm forsi koordinajtu intom, per eżempju kellkom--

JS: Aħna min?

JA: Bħala partit.

SPW: Bħala partit jew forsi jista' jkun bħala -

AV: Oppożizzjoni.

SPW: Oppożizzjoni hekk hu .

AV: Which is a big difference

JS: Li hemm differenza ukoll.

SPW: Imma għalhekk importanti li niddiskutu għax aħna, li naraw -

JS: Bla dubbju

SPW: u li ħa jaraw in-nies -

JS: Nużaw it-termonoloġija korretta.

SPW: Mela, meta kellkom eh laqgħa mas-studenti tal-MCAST -

JS: Iva

SPW: Fil-Parlament kellkom ġiex laqgħat naħseb.

JS: Kellna ħafna iktar minn hekk, imma ħafna minnhom saru ovvjament f'ħinijiet differenti li ma affetwawx il- eh il-ħinijiet tax-xogħol.

SPW: Aħna qed ngħidu minn dak li rajna aħna sewwa,

JS: Mela ħalli nkunu korretti, għall-fini ta' recording ukoll

SPW: Hmm dawk kienu koordinati min-naħa tagħkom?

JS: Iva.

SPW: Jew fuq talba tal-istudenti?

JS: It works both ways iġifieri -

SPW: Sewwa.

JS: Ikun hemm talba tal-istudenti eh hmm u ovvjament eh inkun ilqajthom jien, jiena fi żewġ stanzi li qed issemmi inti, il-laqgħat saru fil-Parlament iġifieri żgur kont qiegħed hemm hekk bħala membru parlamentari u għal darb'oħra bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni.

SPW: Tajjeb. Ok min-naħa tiegħi eh fuq it-time sheets ma naħsibx li għandi domandi iktar.

JA: Ok.

JS: Iva

JA: Hemm ħaġa żgħira.

JS: Mela le.

JA: Kemm il-email account għandek inti, għandek wieħed mela bħala politiku u għandek ieħor bħala, personali?

JS: Mela, għandi l-gmail li huwa l-account personali tiegħi-

JA: Sewwa.

JS: Hmm għandi l-email tal-ilearn illi huwa tal-iskola li dak fih kont qed nikkomunika mal-, mal- Deputy Head of School u għandi dak illi huwa tal-Parlament illi mogħti mill-Parlament, iġifieri fir-realtà hemm tlieta illi jiena nuża għandi r-raba' wieħed illi huwa purament politiku illi jintuża biss ġeneralment għall-konstitwenza.

JA: U jġifieri u f'kollha indikat l-istess the Honorable Schembri, Justin Schembri Shadow Minister for Education?

JS: Iva, minbarrafir-raba' wieħed li huwa tal-kostitwenza. Tal-kostitwenza huwa 'Deputat Parlamentari tat tmien disrett' għaliex ovvjament dak nikkomunika bih -

JA: Mit-tmien distrett ġejt elett hux hekk?.

JS: Mal-kostitwenti tiegħi iva.

JA: Sewwa, ifhimni hemm għalfejn, ħa nsaqsilek domanda daqsxejn -

JS: Iva mela.

JA: Fl-email relatat max-xogħol tiegħek, ta', t'għalliem, hemm għalfejn ikun hemm miktub li inti Shadow Minister for Education? Eh ifhimni you're proud of it alright imma

JS: Huwa t-titolu tiegħi,

JA: alright alright

JS: iġifieri bħal ma,bħal ma l-avukati jużaw id-Dr, jiena nuża l-Honourable u.

JA: Alright u. Eh, u tikkorrispondi nimmaġina ma' persuni oħra li mhumiex impjegati tal-gvern, sewwa?

JS: F'liema kuntest?

JA: U jien naf xi ħadd irid jikkuntatjak per eżempju.

JS: Mhux ovvja?

JA: Eh, tikkuntattjahom inti ukoll iġifieri jekk ikun hemm bżonn

JS: Iva, iva, iva.

AV: Qed tirreferi għal xi email partikolari Sur Imħallef jew ġenerali għax -

JA: Le, le, le b'mod ġenerali, b'mod ġenerali.

AV: Nimmaġina jien, bħal kulħadd.

JA: Jien naf xi ħaġa li tħoss li għandek, jikkuntattjak xi ħadd jew tikkuntattjahom inti.

JS: Fin-natura politika tiġri l-ħin kollu hux hekk?

JA: Le, fl-email, fl-email qed nirreferi għal email tiegħek bħala teacher, bħala għalliem.

SPW: Bl-ilearn, bl-ilearn tiegħek.

JS: Bl-ilearn?le.

JA: Ok.

JS: L-ilearn huwa purament għal, għal emails relatati mal-, mal-iskola, fil-fatt hmm, nista' nurik is-sent messages,l-uniċi sent messages li jkun hemm huma lill-, internament fl-iskola lill-head of department illi m'hijiex stazzjonata fl-iskola iġifieri hija komunikazzjoni purament relatata mal-iskola.

JA: Ok hemm xi ħaġa oħra?

CP: Korrispondenza, mal-għalliema, sorry mal-ġenituri jkollok?

JS: Korrispondenza mal-ġenituri?

CP: tat-tfal fil-klassi tiegħek

JS: Kien hemm il-parents day a good three or four weeks ago? Iġifieri. Kien hemm korrispondenza diretta magħhom hux hekk?

CP: Sewwa.

JA: U mistoqsija m'għandhiex x'taqsam mal-każ, però dawn il-ġenituri tat-tfal barranin -

JS: Iva.

JA: Jiġu, jattendu għall-, għall-?

JS: Ikun hemm minnhom iva. Ikun hemm min ikollu interess bħal dejjem hu anka tfal Maltin, mhux ħa ssib dejjem l-istess -

JA: U iva

JS: L-istess rispons.

JA: Mela daqshekk hux hekk?

SPW: Eh, sorry.

JA: Ħa ħa ħa ntiha l-kopja ħa tagħmel -

SPW: Le, le aħjar.

JA: Kompli, kompli

SPW: Hmm kif forsi indunajt minn dawk id-dokumenti li bagħtna flimkien mal-ittra tagħna, hmm inkluż hmm dan, li huwa kopja ta' minuti li allegatament, inti kont preżenti għal din il-laqgħa u għidt ċerti affarijiet, mela. Din hija, id-dokument -

JS: Il-mistoqsija hija?

SPW: Ġiex mistoqsijiet, mela b'referenza għal dawn il-minuti speċjalment fejn jgħidu "He refused to record the times on timesheets as he said it is not fair on him as a public figure. If he informs regularly (during every weekend) Ms Haber which lessons he will be attending for during the week he feels that it will be enough if he signs". Mela tista' tikkonferma jew le jekk inti għidthomx -?

AV: This was the day after the -

JS: Yes,l-ewwelnett hija tajjeb li nagħtu każ il-ħmistax ta'Novembru, il-ġurnata, din saret l-għada illi l-head of school bagħtet dak l-email lill-Prinċipal fejn qiegħda tagħti xenarju kompletament differenti. Din ma kenitx laqgħa imma din kienet konverżazzjoni informali, fejn jiena kont saħansitra bil-wieqfa u fl-ebda mument ma kont notifikat illi jien, qiegħed inkun investigat minll-head of school, għalhiex kellha mistoqsijiet illi riedet twieġeb lid-Director General, u fl-ebda mument jiena ma kont infurmat jiena jew notifikat illi kienu qegħdin jittieħdu il-minuti. Wieħed ovvjament jista' jifhem ir-raġuni għalfejn jiena għidt illi bħala Shadow Minister tal-Edukazzjoni, bħala membru parlamentari, it is very unfair illi jkolli ismi rrekordjat fuq time sheet pubblika, li jaraha kulħadd wara illi ġara dak illi ġara. Illi ħarġet time sheet minn ġo Dipartiment li jiena ma kontx naħdem ġo fih, b'ismi hemmhekk, u ovvjament allura nkissru d-drittijiet tiegħi regarding il-GDPR, u allura fil-kuntest ta' dan kollu, jiena għidt illi għalhekk mhuwiex ġust illi jiena niffirma hemmhekk, però jiena I will not take in dawn il-minuti bħala minuti

ta' laqgħa għax jiena qatt ma kont infurmat illi dik il-laqgħa informali , ta'ejja ħa nkellmek naqra', imkien ma kont notifikat illi din hija laqgħa relatata mal-investigazzjoni u mkien ma kont naf illi qegħdin jittieħdu il-minuti. Għidt dak il-kliem? Ma nafx jekk għidtux dak il-kliem , però nixtieq inkun naf jiena il-minuti ta' din il-laqgħa min kien qiegħed joħodhom għax jiena ma rajt lil ħadd jikteb. Iġifieri jiena jidhirli illi laqgħa għall-benefiċċju ta' investigazzjoni bħal ma' hi din, il-minuti jew ikunu miktubin jew ikunu irrekordjati bħal ma qed ikunu issa sabiex ikun hemm transcript verbatim ta' dak li jingħad  u allura dan jiena, ma nista' qatt naċċettah l-għada ta' email illi fiha Portanier Mifsud qiegħdha tallega bil-kontra. U allura jiddispjaċini illi jiena ma nista' qatt naċċetta dan u dik miniex ħa nkun qiegħed noħodha bħala parti minn din l-investigazzjoni.

SPW: Bħala continuation, hemm informazzjoni li tidher f'dawn l-istess minuti, hmm jgħidu "He also stated that he has a message on whatsapp which he does not need to sign time in and out"

JS: Iva.

SPW: Hmm tista' tgħidilna jekk irċevejt messaġġ ta' dan it-tip fuq Whatsapp please?

JS: Iva imma ma nistax niżvela kif u xhiex. Jiena tajjeb illi insemmi la qiegħdin ngħidu dwar l-emails iġifieri. Aktar kmieni jiena semmejt ir-rift, jiena nista' nibqa' għaddej ta', nista' ngħidlek id-drabi li Portanier Mifsud qaltli b'mod informali għax aħna nitkellmu b'mod informali, eh hmm dwar il-biża' tagħha illi Ritienne Borg Saliba qiegħdha tagħmel dan kollu biex issallabha bħalma sallbitha meta kienet kap tal-iskola fil-kulleġġ San Ġorġ Preca fejn Borg Saliba kienet Prinċipal qabel imbagħad bagħtuha r-Rabat biex ovvjament jevitaw ir-rift kollu, eh hmm u allura jiena ċert illi kien hemm influwenza minn din is-sentenza u, iġifieri "nfakkrek li m'intix" -  qed nikkwota lir-Ritienne Borg Saliba d-Direttur Ġenerali li fejn din qalet "Infakkrek li inti m'intix il-persuna li qed tiġi investigata mill-uffiċċju tal-Kummissarju u allura qed tintalab tipprovdi din l-informazzjoni fil-kapaċità ta' xhud , nuqqas ta' kooperazzjoni mingħandek jista' jwassal għal pieni skond kif tipprovdi il-liġi".

JA: Dik normali nibgħatuha -.

JS: Iġifieri

JA: Biex inbeżżgħu lin-nies.

JS: Iva,

JA: He he he he

JS: U beżgħet u

AV: Dak hu eżatt li ġara

JS: U beżgħet u

AV: għax kien hemm l-email tal-ġurnata ta' qabel

JA: L-iskop, l-iskop -

CP: Din mhijiex l-ittra tagħna –

JA: Le le le l-iskop – mhux biex inbeżżgħu lin-nies ta

JS: Iġifieri,pero’-

JS: Pero’ beżgħet, iġifieri jiena kelli konversazzjoni

AV: To make them cooperate.

JS: Kelli konversazzjoni ma niftakarx eżattament meta kienet però eh nista’ nsibha by telephone, ma’ ma’ Portanier Mifsud, fejn din stqarret li hi qiegħdha tibża’ illi hmm se tiġi fl-inkwiet minħabba l-pożizzjoni tiegħi. Jiena ma nlum lil ħadd, nifhem illi fl-aħħar mill-aħħar sabet ruħha f’din kollha minħabba ilment inġust fil-konfront tiegħi però dak illi hu hu, u għalhekk nerġa’ ngħid illi min ressaq l-informazzjoni fil-konfront tiegħi lil dan l-uffiċċju għażel illi jkun selettiv u ma tax il-, eh l-informazzjoni kollha biex eventwalment konna nevitaw li nkunu qegħdin hawnhekk ukoll.

SPW: In connection to this, one more question please.

JS: Mela.

SPW: Inti qatt irċevejt xi korrispondenza jew warning formali mingħand l-iskola fir-rigward tal-attendenza tiegħek?

JS: Never

SPW: Ok.

JS: Qatt. Iġifieri nerġa’ ntenni, il-prassi tiegħi mill-ewwel ġurnata li jiena mort fl-iskola medja tar-Rabat sal-lum, kienet illi jiena nidħol filgħodu niffirma , jekk ikun hemm bżonn noħroġ, nagħmel l-asteriska illi għadni qed nagħmilha sal-lum, u mind you għadni qed niffirma fuq timesheet illi hija pubblika esposta għar-ritratti ta’ kulħadd u minn dak inhar l’hawn, qatt ma kien hemm xi forma, xi forma ta’ ta’, ta’, ta’ twiddiba jew xi forma ta’ email. Jiena nista’ ngħidlek ukoll ta’ imma m’għandix din il-kopja imma nista’ nipprovdihilkom m’għandi l-ebda problema, għaliex dak illi huwa ġust. irid ikun ġust. Jiena fil- eh ħa nsib id-data eżatta meta kienet, hmm fit-22 ta’ Jannar, ta’ din is-sena 2025, bgħatt email lill-Ministru , l-Onerevoli kollega Clifton Grima, lill-Perm Sec. Mr Matthew Vella, u lill-Head of Peoples Management tal-Education, fejn speċifikament tlabthom jagħtu direzzjoni dwar kif u x’hiex inhu mistenni minni fir-rigward ta’ dħul u ħruġ u dwar x’hiex hmm u x’għandu jsir. Ma ħadt l-ebda acknowledgement ,bgħatt reminder fl-14 ta’ Frar ta’ din is-sena, u erġajt ma ħadt ebda rikonoxximent illi jiena bgħatt l-email. Iġifieri jiena bl-ebda mod ma nista’ ngħid illi b’xi mod jew ieħor inqast għaliex ilkoll nafu illi meta inti tkun impjegat , meta tonqos ta’ fuqek jinfurmak.

CP: Tista’ tgħaddilna kopja ta’ din il-korrispondenza?

JS: Mhijiex problema, imma iva, ħa nieħu nota hmm ħalli nkun nista’ ngħaddihielkom ukoll, u nista’ naqraha għall-fini tar- recording jekk trid ta, iġifieri. Ħalli nkun qiegħed naqra l-email. Dan huwa l-email li ntbagħat fit-22 ta’ Jannar, 2025 minni, mill-email tal-Parlament, justin.schembri.1@parlament.mt lil Clifton Grima, lil Matthew Vella u lil Mary Scicluna. Intitolat bħala subject huwa: L-Irwol Parlamentari,

“Kollegi nittama li tinsabu tajbin. Nixtieq nikteb sabiex nitlob direzzjoni ċara dwar kif u meta jien intitolat naqdi l-funzjonijiet parlamentari tiegħi bħala membru parlamentari u Shadow Minister tal-Edukazzjoni, waqt il-ħin tal- iskola u li jinkludu konferenzi, diskussjonijiet, attivitajiet, laqgħat u l-bqija. Sal-lum dejjem imxejt skond dak li jistipula

l-manual on special leave aġġornat fl-10 ta'Jannar, 2024, u qatt ma kien hemm diffikultajiet. Madankollu qed isir pressjoni kontinwa fuqi fuq f'dan ir-rigward anke fid-dawl li nfetaħ ilment inġust fuq il-konfront tiegħi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, liema lment għadu miftuħ. Huwa dritt tiegħi bħala membru parlamentari li nkun kopert minn dan il-manwal, biex inservi lill-poplu li tani mandat parlamentari. Ninfurmurmakom li m'għandi ebda problema nkun trasferit mill-iskola li ntbagħtt fiha, u m'għandi ebda problema nkun trasferit mill-Education Department diment li nżomm il-grad u l- iscale tiegħi. Bħal dejjem, ir-rispett ma jonqosx, nistenna mingħandkom. Justin," Iffirmata bin-nomenklatura Onorevoli Justin Schembri MP Shadow Minister for Education. eċċetera. Dak huwa l-email tat-22 ta' Jannar, email illi l-Ministru kien infurmat bih wara illi bgħattu għaliex kellna konversazzjoni telefonika fuq il-mobile personali tal-Ministru mill-mobile personali tiegħi. Erġajt bgħatt reminder on the 14th of February, 2025 u jiena bqajt bla ebda risposta. Iġifieri altru milli rrid nipprova nabbuża mill-pożizzjoni tiegħi , irid anzi niċċara l-pożizzjoni tiegħi bħala Shadow Minister għaliex nerġa' ngħid dan it-tip ta' hmm atteġġament fil-medja fil-konfront tiegħi namely, il-one.com dwar allegazzjonijiet infondati li f'daqqa waħda jsiru verita' huma inġusti u naħseb li anka immorru oltre u jiksru d-drittijiet hmm d-drittijiet tiegħi.

JA: Daqshekk hux hekk?

SPW: Min-naħa tiegħi iva.

JA: Din hija s-sustanza tax-xhieda tal-Onorevoli Justin Schembri dettata minnu stess fuq it-tape. Preżenti wkoll l-Avukat għall-istess Onorevoli Schembri, l-avukat Dr David Bonello għax ma semmejtekx l-ewwel u.

AV: Tagħtix każ. M'inix importanti.

JA: Biex il-ġiex liri ma ntellifhomlokx konna ngħidu.

Data tal-aħħar reviżjoni: 18 ta' Marzu 2025

Gmail Search mail

7 of 19,641

From: Dorianne Portanier Mifsud <dorianne.portanier.mifsud@ilearn.edu.mt>
Sent: Thursday, November 14, 2024 2:43:42 PM
To: Josephine Mifsud 3 <josephine.mifsud.3@ilearn.edu.mt>
Cc: Rodianne Haber <rodianne.haber@ilearn.edu.mt>; Justin Schembri <justin.schembri@ilearn.edu.mt>
Subject: Mr Justin Schembri Teacher of Maltese

Dear Ms Mifsud,

Kindly note that Ms Rodianne Haber (in copy), deputy head in charge of replacements and myself would like to clarify information given regarding Mr Justin Schembri (in copy). I have confirmed with both Ms Haber (in copy) and Mr Schembri himself, that he attends to school everyday and leaves when he has political duties according to the PSMC. Mr Schembri sends an email to Ms Haber on a weekly basis to notify her of the lesson/s which he would not be able to attend.

Thanks for your attention

Best Regards,
*Doriann*

Il-Ġimgħa l-4 ta' April, 2025

Mibgħuta bl-email: charles.polidano@standardscommissioner.mt,

Ikkuppjat ukoll: david@bonelloassociates.com

Lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Il-Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi,

Nikteb b'referenza għall-Każ K/070, u b'referenza għall-ittra tiegħek datata nhar l-24 ta' Marzu 2025, u li fiha qiegħed nintalab ngħaddi stediniet uffiċjali għal avvenimenti li fihom attendejt bħala Shadow Minister għall-Edukazzjoni.

(i) B'referenza għaż-żjara li għamilt fil-Ġ.F. Abela Junior College fis-27 ta' Settembru 2024, ninformak li ma għandix kopja tal-invit li ntbagħat lili jew lill-uffiċċju tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Bernard Grech MP u għaldaqstant ma nistax nipprovdi kopja tiegħu. Ninformak madankollu, li l-istedina saret mill-Uffiċċju tal-Prinċipal tal-Junior College, is-Sur Paul Xuereb u għalhekk ġentilment nitlob lill-Uffiċċju tiegħek jagħmel kommunikazzjoni mal-Uffiċċju tiegħu skont il-każ.

    B'referenza għaż-żjara li għamilt fl-okkażjoni ta' 'Freshers' Week' fl-Università ta' Malta fit-3 ta' Ottubru 2024, ninformak li ma għandix kopja tal-invit li ntbagħat lili jew lill-uffiċċju tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Bernard Grech MP u għaldaqstant ma nistax nipprovdi kopja tiegħu. Ninformak madankollu, li l-istedina saret mill-Uffiċċju tar-Rettur tal-Università ta' Malta, il-Professur Alfred J. Vella, u għalhekk ġentilment nitlob lill-Uffiċċju tiegħek jagħmel kommunikazzjoni mal-Uffiċċju tiegħu skont il-każ. Dan l-invit sar b'ittra bil-posta.

    B'referenza għaż-żjara li għamilt fl-MCAST fit-8 ta' Ottubru, ninformak li ma għandix kopja tal-invit li ntbagħat lili jew lill-uffiċċju tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Bernard Grech MP u għaldaqstant ma nistax nipprovdi kopja tiegħu. Ninformak madankollu, li l-istedina saret mill-Uffiċċju tal-President tal-MCAST, is-Sur Horace Laudi, u għalhekk ġentilment nitlob lill-Uffiċċju tiegħek jagħmel kommunikazzjoni mal-Uffiċċju tiegħu skont il-każ. Dan l-invit sar b'ittra bil-posta.

    B'referenza għaż-żjara li għamilt fl-MCAST ta' Għawdex fil-11 ta' Ottubru, ninformak li ma għandix kopja tal-invit li ntbagħat lili jew lill-uffiċċju tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Bernard Grech MP u għaldaqstant ma nistax nipprovdi kopja tiegħu. Ninformak madankollu, li l-istedina saret mill-Uffiċċju tal-President tal-MCAST, is-Sur Horace Laudi, u għalhekk ġentilment nitlob lill-

Uffiċċju tiegħek jagħmel kommunikazzjoni mal-Uffiċċju tiegħu skont il-każ. Dan l-invit sar b'ittra bil-posta.

B'referenza għall-Konferenza mtellgħa mill-IFE fit-23 ta' Ottubru 2024 'Machines and Minds' u li għaliha kien mistieden il-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Clifton Grima MP, li huwa l-Ministru nkarigat mill-Ministeru li fih jien impjegat, ninformak li l-istedina saret bl-email u tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 1.

B'referenza għat-tnedija tal-Piggy Bank Campaign fid-29 ta' Ottubru 2024 u li saret fil-Palazz tal-President ta' Malta, l-Eċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, u li għaliha kien mistieden il-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Clifton Grima MP, li huwa l-Ministru nkarigat mill-Ministeru li fih jien impjegat, ninformak li l-istedina saret b'telefonata mill-Uffiċċju tal-Kommunikazzjoni tagħha u tista' ssib anness kommunikazzjoni bil-WhatsApp mas-Sur. Reuben Sciberras, Kap tas-Segretarjat tal-Uffiċju tal-President li saret fil-jum ta' qabel u mniżżla bħala Dok. 2.

B'referenza għall-attività organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli fl-Iskola Primarja ta' Ħad-Dingli fil-31 ta' Ottubru 2024, u li għaliha kienet preżenti wkoll il-Head of College Network, is-Sa Josephine Mifsud li hija l-Head of College Network tal-Kulleġġ li fih jien impjegat, ninformak li l-istedina saret bl-email u tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 3.

B'referenza għall-Konferenza Nazzjonali bit-titlu 'Isimgħuna' fil-11 ta' Ottubru 2024, u li għaliha kienu mistednin fost l-oħrajn il-Priministru ta' Malta l-Onor. Dr. Robert Abela MP u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech MP, ninformak li l-istedina saret bl-email u tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 4.

B'referenza għall-ftuħ tal-Mediterranean College fl-14 ta' Novembru 2024, u li għalih kien mistieden il-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Clifton Grima MP, li huwa l-Ministru nkarigat mill-Ministeru li fih jien impjegat, ninformak li l-istedina saret bl-email u tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 5.

B'referenza għaż-żjara lill-KSU li għamilt fl-Università ta' Malta fit-28 ta' Novembru 2024, mal-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech MP, ninformak li ma għandix kopja tal-invit li ntbagħat lili jew lill-uffiċċju tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr. Bernard Grech MP u għaldaqstant ma nistax nipprovdi kopja tiegħu u għalhekk ġentilment nitlob lill-Uffiċċju tiegħek jagħmel kommunikazzjoni mal-Uffiċċju tiegħu skont il-każ.

B'referenza għall-Konferenza dwar is-saħħa mentali fl-edukazzjoni mtellgħa minn 'Nordic Knowledge' b'kollaborazzjoni mal-Iskola St. Joseph Mater Boni Consilii fid-29 ta' Novembru 2024, ninformak li ma għandix kopja tal-istedina, madankollu Dr. Kenneth Vella, Kap tal-Iskola St. Joseph Mater Boni Consilii qiegħed jikkonferma bil-miktub l-istedina li saritli bħala Shadow Minister għall-Edukazzjoni, u tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 6.

(ii) B'referenza għal-laqgħat fil-bini tal-Parlament (mhux avvenimenti) li saru fuq inizjattiva tiegħi mal-istudenti tal-MCAST fil-15 ta' Novembru u fit-22 ta' Novembru 2024, ninformak li l-kommunikazzjoni saret bl-email, u partijiet minnha tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 7. La darba l-indirizzi elettroniċi u xi dettalji oħra tal-istudenti li kkomunikaw miegħi huma murija, ġentilment nitlob lill-Uffiċċju tiegħek sabiex jipproteġi lill-istudenti inkwistjoni.

(iii) B'referenza għall-email tal-14 ta' Novembru 2024 li ntbagħtet mingħand is-Sa. Dorianne Portanier Mifsud lis-Sa. Josephine Mifsud u li fiha jien kont ikkuppjat, ninformak li ma bgħatt ebda korrispondenza lura la darba ma kienx hemm raġuni għaliex.

(iv) B'referenza għall-email li bgħatt fit-22 ta' Jannar 2025 dwar l-irowl parlamentari tiegħi lill-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Clifton Grima MP, lis-Segretarju Permanenti tal-Edukazzjoni s-Sur Matthew Vella u lid-Direttur Ġenerali tal-People Management is-Sa. Mary Scicluna, u li għaliha bgħatt tfakkira fl-14 ta' Frar 2024, u li konsegwentament bqajt qatt ma rċivejt lura jew konferma li l-emails waslu, ninformak li din il-kommunikazzjoni tista' tinstab annessa mniżżla bħala Dok. 8.

Nirringrazzjak bil-quddiem u għal darba oħra nikkonferma li ma għandi ebda diffikultà nidher quddiemek biex insostni mill-ġdid dan li qiegħed nipprovdi hawnhekk bħala evidenza.

L-Onor. Justin Schembri MP

Shadow Minister għall-Edukazzjoni

042

Dokument E1

[redacted]

**From:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Sent:** 04 April 2025 14:23
**To:** [redacted]
**Subject:** Fw: Rwol Parlamentari

8

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

---

**From:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Sent:** Wednesday, January 22, 2025 9:21:10 AM
**To:** Grima Clifton at MEYR <clifton.grima@gov.mt>; Vella Matthew at MEYR <matthew.a.vella@gov.mt>; Scicluna Mary at MEYR <mary.a.scicluna@gov.mt>
**Subject:** Rwol Parlamentari

Kollegi,

Nittama li tinsabu tajbin.

Nikteb sabiex nitlob direzzjoni ċara dwar kif u meta jien intitolat naqdi l-funzjonijiet parlamentari tiegħi bħala Membru Parlamentari u Shadow Minister tal-Edukazzjoni waqt il-ħin tal-iskola u li jinkludu konferenzi, diskussjonijiet, attivitajiet, laqgħat u l-bqija. Sal-lum, dejjem imxejt skont dak li jistipula l-Manual on Special Leave (aġġornat fl-10/01/2024) u qatt ma kien hemm diffikultajiet. Madankollu, qed issir pressjoni kontinwa fuqi f'dan ir-rigward anke fid-dawl li nfetaħ ilment inġust fil-konfront tiegħi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, liema ilment għadu miftuħ. Huwa d-dritt tiegħi bħala Membru Parlamentari li nkun kopert minn dan il-Manwal biex inservi lill-poplu li tani mandat parlamentari.

Ninformakom li ma għandi ebda problema nkun trasferit mill-iskola li ntbgħatt fiha, u ma għandi ebda problema nkun trasferit mill-Education Department diment li nżomm il-grad u l-iscale tiegħi.

Bħal dejjem, ir-rispett ma jonqosx.

Nistenna mingħandkom.

Justin

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

[redacted]

**From:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Sent:** 04 April 2025 14:26
**To:** [redacted]
**Subject:** Fw: Rwol Parlamentari

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

---

**From:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Sent:** Friday, February 14, 2025 9:10:15 AM
**To:** Grima Clifton at MEYR <clifton.grima@gov.mt>; Vella Matthew at MEYR <matthew.a.vella@gov.mt>; Scicluna Mary at MEYR <mary.a.scicluna@gov.mt>
**Subject:** Re: Rwol Parlamentari

L-għodwa t-tajba,

Infakkar li ġentilment qiegħed nistenna tweġiba.

Justin

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

---

**From:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Sent:** Wednesday, January 22, 2025 9:21:10 AM
**To:** Grima Clifton at MEYR <clifton.grima@gov.mt>; Vella Matthew at MEYR <matthew.a.vella@gov.mt>; Scicluna Mary at MEYR <mary.a.scicluna@gov.mt>
**Subject:** Rwol Parlamentari

Kollegi,

Nittama li tinsabu tajbin.

Nikteb sabiex nitlob direzzjoni ċara dwar kif u meta jien intitolat naqdi l-funzjonijiet parlamentari tiegħi bħala Membru Parlamentari u Shadow Minister tal-Edukazzjoni waqt il-ħin tal-iskola u li jinkludu konferenzi, diskussjonijiet, attivitajiet, laqgħat u l-bqija. Sal-lum, dejjem imxejt skont dak li jistipula l-Manual on Special Leave (aġġornat fl-10/01/2024) u qatt ma kien hemm diffikultajiet. Madankollu, qed issir pressjoni kontinwa fuqi f'dan ir-rigward anke fid-dawl li nfetaħ ilment inġust fil-konfront tiegħi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, liema ilment għadu miftuħ. Huwa d-dritt tiegħi bħala Membru Parlamentari li nkun kopert minn dan il-Manwal biex inservi lill-poplu li tani mandat parlamentari.

Ninformakom li ma għandi ebda problema nkun trasferit mill-iskola li ntbgħatt fiha, u ma għandi ebda problema nkun trasferit mill-Education Department diment li nżomm il-grad u l-iscale tiegħi.

Bħal dejjem, ir-rispett ma jonqosx.

Nistenna mingħandkom.

Justin

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

**From:** Grima Clifton at MEYR
**To:** Sarah Pace Warrington - Office of the Commissioner for Standards in Public Life
**Subject:** FW: Rwol Parlamentari
**Date:** 23 April 2025 12:21:48

Please find the requested correspondence .
Regards,
CG

Clifton Grima
Minister

t +356 e clifton.grima@gov.mt | www.education.gov.mt

Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Scicluna Mary at MEYR <mary.a.scicluna@gov.mt>
**Sent:** 21 April 2025 13:07
**To:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Cc:** Grima Clifton at MEYR <clifton.grima@gov.mt>; Vella Matthew at MEYR <matthew.a.vella@gov.mt>
**Subject:** FW: Rwol Parlamentari

Onor. Schembri

Il-frank bħala Membru Parlamentari huwa regolat bil-Manual on Special Leaves li ġie aġġornat l-aħħar fl14 ta' Awwissu 2024, speċifikament sezzjoni 3.3 (Political activities Leave) li hija regolata permezz ta' Direttiva 5 u Kap 472 l-Att Dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku.

Il-Manwal jirrifletti dak li jgħid Kap 472 u jitkellem dwar ir-rilaxx ta' Membru Parlamentari għal qagħdi ta' xogħol Parlamentari u mhux dwar attivitajiet politiċi personali jew ta' partit.

Dan huwa anke spjegat fiċ-ċirkolari maħruġa nhar l-24 ta' Settembru 2024 li tikkjarifika u tgħid:

In view of this, absences for political activities during office hours need to be deducted from the vacation leave entitlement or from the special leave in case of teaching grades. Section 3.2. on this matter is being reproduced hereunder.

*3.2 "… If they are only required to attend to party matters outside working hours and only occasionally are they required to attend to such duties during working hours, then these officers may opt to avail themselves of their vacation leave entitlement or requested temporary leave of absence on unpaid leave but in this case, not on grounds of public policy to cover the political activity during working hours. The granting of temporary leave of absence is always to the exigencies of the service."*

Members of Parliament (Public Employment) Act, may be released from their duties as public officers in order to attend activities **related to House business**, irrespective of whether these activities are held in or outside the House (e.g. attendance for Committee meetings, travelling abroad on parliamentary delegations, attendance for official events which are related to their role in Parliament etc.). **However, elected public officers should not be released in order to attend to their constituency.**

Għalhekk waqt li bħala Membru Parlamentari inti għandek dritt tkun rilaxxat għal skop ta' Xogħol relatat mall-Parlament attivitajiet oħra jitnaqqsu mill-iSpecial Leave.

Tislijiet

Mary Scicluna

Director General
People Management Department

t +356 25982493 e mary.a.scicluna@gov.mt
www.education.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

MINISTRY FOR EDUCATION , Sport, Youth, Research and Innovation

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

**From:** Schembri Justin 1 at Parlament-MT <justin.schembri.1@parlament.mt>
**Sent:** Wednesday, January 22, 2025 9:21:11 AM
**To:** Grima Clifton at MEYR <clifton.grima@gov.mt>; Vella Matthew at MEYR <matthew.a.vella@gov.mt>; Scicluna Mary at MEYR <mary.a.scicluna@gov.mt>
**Subject:** Rwol Parlamentari

Kollegi,

Nittama li tinsabu tajbin.

Nikteb sabiex nitlob direzzjoni ċara dwar kif u meta jien intitolat naqdi l-funzjonijiet parlamentari tiegħi bħala Membru Parlamentari u Shadow Minister tal-Edukazzjoni waqt il-ħin tal-iskola u li jinkludu konferenzi, diskussjonijiet, attivitajiet, laqgħat u l-bqija. Sal-lum, dejjem imxejt skont dak li jistipula l-Manual on Special Leave (aġġornat fl-10/01/2024) u qatt ma kien hemm diffikultajiet. Madankollu, qed issir pressjoni kontinwa fuqi f'dan ir-rigward anke fid-dawl li nfetaħ ilment inġust fil-konfront tiegħi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, liema ilment għadu miftuħ. Huwa d-dritt tiegħi bħala Membru Parlamentari li nkun kopert minn dan il-Manwal biex inservi lill-poplu li tani mandat parlamentari.

Ninformakom li ma għandi ebda problema nkun trasferit mill-iskola li ntbgħatt fiha, u ma għandi ebda problema nkun trasferit mill-Education Department diment li nżomm il-grad u l-iscale tiegħi.

Bħal dejjem, ir-rispett ma jonqosx.

Nistenna mingħandkom.

Justin

**Hon. Justin Schembri MP**
Shadow Minister for Education

99885107
12, F.S. Caruana Street, Birkirkara

# Sommarju tal-laqgħa mal-Onor. Justin Schembri

Każ: K/070

Data: 30 ta' Ġunju 2025

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju

L-Onor. Justin Schembri

Dr David Bonello, avukat

Il-Kummissarju spjega li din il-laqgħa kienet qiegħdha ssir fil-konklużjoni tal-investigazzjoni tal-Uffiċċju u stieden lill-Onor. Schembri jagħmel sottomissjonijiet finali. Fakkar lill-Onor. Schembri li l-laqgħa kienet ser tiġi rekordjata u tah il-ġurament.

Dr Bonello kkjarifika li l-iskop tal-laqgħa kien sabiex jiġi diskuss is-signature tal-kont tal-email tal-Onor. Schembri biss.

L-Onor. Schembri irringrazzja l-Kummissarju għal-laqgħa sabiex jiġi diskuss l-istess suġġett. Ippreżenta kopji ta' kważi l-emails kollha li ntbagħtu mill-kont tal-"ilearn" tiegħu minn meta nbdiet l-investigazzjoni sa' tmiem is-sena 2024, dan sabiex jagħmel rendikont tal-emails kollha li bagħat jew lill-assistenta kap li magħha jikkommunika, jew lil kap tal-iskola, jew emails interni fl-iskola jew b'xi eċċezzjoni fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

F'dan ir-rigward, ippreżenta l-emails tiegħu u qal:

> "oltrè milli qiegħed qed nipprova nieħu vantaġġ mill-pożizzjoni tiegħi, hawnhekk qiegħed nippreżenta dana kollu. Tajjeb illi on record ngħid illi ma kien hemm matul din is-sena ebda email illi ntbagħtet minni, minn dan l-email account lil xi ġenituri jew lil ħaddieħor illi b'xi mod jew ieħor allura stajt ninfluwenzah mill-pożizzjoni tiegħi għaliex ġeneralment illum il-ġurnata bejn l-għalliema u l-ġenituri l-kommunikazzjoni ssir permezz tat-"Teams" illi hija sistema oħra, diversifikata mill-email account. Però ser inkun qiegħed ukoll nippreżenta l-aħħar żewġ emails, wieħed minnhom intbagħat fis-27 ta' Jannar ta' din is-sena u ieħor illi ntbagħat fil-5 ta' Marzu ta' din is-sena illi dawn ma kinux emails li ntbagħtu lis-superjuri tiegħi fl-iskola jew fl-Education u allura ħassejt il-bżonn li dawn nippreżentahom ukoll. Wieħed minnhom qiegħed nibgħat lura l-Institute for Education illi għal xi raġuni, bi żvista, probabbilment, bagħtuli invit għal konferenza fuq l-email tal-"ilearn" u jiena qiegħed inweġibhom lura, qed naqra verbatim "kindly note that for political purposes, please use my other email" u qiegħed

intihom l-email address tal-parlament, "I am seeing this email now unfortunately, will check about the date and revert". Imbagħad kien hemm email ieħor illi jiena bgħatt lil tas-salaries tal-gvern, għaliex bagħtuli l-FS3 statement u rrealizzajt li l-indirizz fuq l-FS3 għadu tal-ġenituri tiegħi illi ilni li tlaqt minn hemmhekk a good 20 years u allura tlabthom kif dan jista' jiġi aġġornat. Jiġifieri dawk huma l-uniċi żewġ emails li jiena bgħatt lilhinn mis-superjuri tiegħi fl-iskola minn dan l-email account -"[1]

L-avukat Dr David Bonello għamel sottomissjonijiet ulterjuri ukoll f'din il-laqgħa u qal:

"il-punt Sur Imħallef li forsi xtaqt nagħmel forsi bħala sottomissjoni, bħala sottomissjoni żgħira. Il-Kodiċi tal-Etika jgħidlek li inti tuża l-pożizzjoni tiegħek b'mod li tista' tieħu vantaġġ – f'dan il-każ kif ġie preżentat żgur fl-opinjoni umli tagħna ma jistax, ma setax jittieħed vantaġġ għaliex l-ewwelnett qed, il-kommunikazzjoni kienet ma' impjegati anzi jiġu s-superjuri tiegħu, li jafu x'inhu fis-sens għax ovvjament, m'għandux għalfejn jgħid, propjament ġie deployed f'dak jiġifieri nemnu illi apparti li hi ovvjament il-Kummissarju għandu d-dritt jinvestiga x'inhi, il-kwerela ħa ngħidilha hekk ma kinitx fuq hekk imma anke fuq hekk aħna nemnu illi m'hemmx bażi għaliex sinċerament m'hemm l-ebda mod kif tista' tara mill-emails ma seta jieħu xi vantaġġ l-Onorevoli Justin Schembri."[2]

Data tal-aħħar reviżjoni: 13 t'Awwissu 2025

[1] Reġistrazzjoni tal-laqgħa 02:26
[2] Reġistrazzjoni tal-laqgħa 04:27

11/07/2025

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Nikteb b'referenza għall-każ 'K/070 – ilment dwar l-attendenza tiegħek għax-xogħol', u b'referenza għall-ittra tiegħek mibgħuta llum nhar il-11 ta' Lulju tal-2025, u li fiha in vista tal-fatti surreferiti, dan il-każ jista' jiġi konkluż taħt lartikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, qiegħed hawnhekk nibgħat apoloġija għall-fatt li wżajt in-nomeklatura 'MP, Shadow Minister for Eductaion' fil-kont tal-ilearn tiegħi sal-perjodu li dan in-nuqqas tqajjem minnek. Nirrimarka li qed ikun assigurat li din il-prattika ma tirrepetix ruħha.

Onor. Justin Schembri, MP